

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 1578/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2007

dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sa l-2012

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Istati Membri, li tkun aġġornata, affidabbli, pertinenti u prodotta kemm jista' jkun b'mod effiċjenti għall-formulazzjoni, l-applikazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-linji politiċi tagħha.

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni,

(3) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u komparabbiltà ta' l-informazzjoni statistika fil-Komunità, jeħtieġ li jkun stabbilit programm statistiku Komunitarju ta' ħames snin li jidentifika l-approċċi, l-oqsma prinċipali u l-oġettivi ta' l-azzjonijiet previsti fir-rigward tal-prijoritajiet ta' politika.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

(4) Il-metodu speċifiku għall-elaborazzjoni ta' l-istatistika Komunitarja jirrikjedi b'mod partikolari koperazzjoni mill-qrib fi ħdan sistema statistika Komunitarja fi proċess ta' żvilupp permezz tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽⁴⁾, fir-rigward ta' l-addattament tas-sistema, partikolarment permezz ta' l-introduzzjoni ta' strumenti legali meħtieġa biex tkun stabbilita l-imsemmija statistika Komunitarja. Għandu jittieħed kont tal-piż fuq dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ, ikunux unitajiet tan-negozju, ċentrali, reġjonali jew dawk governattivi lokali, familji jew individwi.

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistika Komunitarja ⁽³⁾, għandu jiġi stabbilit programm statistiku Komunitarju pluriennali.

(2) Bi qbil ma' dak ir-Regolament, il-Komunità għandha jkollha aċċess f'waqtu għal informazzjoni statistika komparabbli bejn l-Istati Membri u l-unitajiet territorjali tagħhom, fid-dawl tal-kondizzjonijiet kostituzzjonali ta' l-

(5) Il-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja fil-qafas leġislattiv tal-programm ta' ħames snin tinkiseb permezz ta' koperazzjoni mill-qrib, koordinata u koerenti bejn l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali. Għal dak il-għan, l-Eurostat għandu jiżgura l-koordinazzjoni taħt diversi forum ta' l-awtoritajiet nazzjonali f'network li jirrappreżenta s-Sistema Statistika Ewropea (SSE) għall-assigurazzjoni tal-proviżjoni f'waqtha ta' statistika, ta' standard li jippermetti l-komparabbiltà meħtieġa bejn l-Istati Membri, b'appoġġ għall-bżonnijiet tal-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 27.7.2007, p. 8.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Diċembru 2007.

⁽³⁾ ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

- (6) Fil-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistika Komunitarja taħt din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet statistiċi Komunitarji u nazzjonali għandhom jirrispettaw il-prinċipji mniżżla fil-Kodiċi ta' Prattika Ewropew dwar l-Istatistika, li kien mehmuż mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2005 dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika Komunitarji u nazzjonali. F'dan il-proċess, għandhom isiru sforzi biex tiġi promossa l-konverġenza ta' l-informazzjoni statistika miġbura u l-possibbiltà tat-trattament xjentifiku tagħha.
- (7) Fid-dawl tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-piż tar-rispons, is-simplifikazzjoni u l-iffissar ta' prijoritajiet fil-qasam ta' l-istatistika Komunitarja, it-thejjja tal-programmi ta' ħidma dwar l-istatistika annwali tal-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-ħtieġa għal reviżjoni kontinwa tal-prijoritajiet ta' l-istatistika, inkluż s-simplifikazzjoni tal-proċessi u t-tnaqqis ta' rekwiżiti ta' importanza li qed dejjem tonqos, bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli.
- (8) Biex jiżdiedu l-koerenza u l-effikaċja fil-miżuri Komunitarji għall-ibliet u jkun permess li jsir tqabbil affidabbli, hu meħtieġ għall-finijiet ta' l-istatistika Komunitarja li jiġi definit aktar preċiżament x'wieħed ifisser b' "żona urbana" u "agglomerazzjoni"
- (9) Peress l-oġettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-istabbiliment tal-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sa l-2012, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġettiv.
- (10) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul ta' żmien sħiħ tal-programm li għandu jkun il-punt ta' referenza prinċipali għall-awtorità baġitarja, fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾.
- (11) Bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 322/97, il-linji ta' gwida għall-istabbiliment ta' dan il-programm kienu ppreżentati lill-Kumitat tal-Programm Statistiku, lill-Kumitat Konsultattiv Ewropew dwar l-Infurmazzjoni Statistika fl-Isferi Ekonomiċi u Soċjali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE ⁽²⁾ u lill-Kumitat ta' l-Istatis-

tika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE ⁽³⁾,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Stabbiliment tal-programm statistiku

Il-programm statistiku Komunitarju għall-perijodu mill-2008 sa l-2012 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm") huwa b'dan stabbilit. Il-programm hu mniżżel fl-Annessi I u II.

L-Anness I jispeċifika l-approċċi, l-oqsma prinċipali u l-oġettivi ta' l-azzjonijiet previsti għat-tul ta' dak il-perijodu. L-Anness II jipprovdni taqsira tar-rekwiżiti statistiċi mill-perspettiva tal-bżonnijiet politiċi ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Prijoritajiet politiċi

1. Filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli ta' l-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni, il-programm għandu jkun iggwidat mill-prijoritajiet politiċi Komunitarji prinċipali ta':

- (a) prosperità, kompetittività, innovazzjoni u tkabbir;
- (b) solidarjetà u żvilupp tal-bniedem;
- (c) koeżjoni ekonomika, soċjali u reġjonali, żvilupp sostenibbli u sfidi demografiċi;
- (d) sigurtà, u;
- (e) tkabbir ulterjuri ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-prijoritajiet globali u l-oġettivi ġenerali fil-programm għandhom ikunu suġġetti għal ippanar annwali dettaljat skond ir-Regolament (KE) Nru 322/97.

Artikolu 3

Governanza u Kwalità ta' l-Istatistika

Il-programm għandu jiġi implimentat skond il-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-Istatistika Ewropea bil-ħsieb li tkun prodotta u disseminata statistika Komunitarja armonizzata u ta' kwalità għolja, imqassma skond is-sessi, fejn xieraq, u biex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-sistema statistika Ewropea in ġenerali. L-awtoritajiet nazzjonali u l-awtorità statistika Komunitarja għandhom:

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 59, 6.3.1991, p. 21. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 97/255/KE (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 32).

⁽³⁾ ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

- (a) jistabbilixxu ambjent istituzzjonali u organizzattiv li jippromwovi l-effettività u l-kredibbiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej ta' l-istatistika li jipproduċu u jxerrdu l-istatistika uffiċjali; inkluża l-istatistika reġjonali bbażata fuq in-Nomenklatura ta' l-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS);
- (b) josservaw l-istandards, il-linji gwida u l-prattika tajba Ewropej fil-proċessi użati mill-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji ta' l-istatistika biex jorganizzaw, jiġbru, jipproċessaw u jxerrdu l-istatistika uffiċjali u jagħmlu sforz biex jiksbu reputazzjoni għal ġestjoni tajba u effiċjenti għat-tisħiħ tal-kredibbiltà ta' dawn l-istatistiċi;
- (c) jiżguraw li l-istatistika Komunitarja tikkonforma ma' l-istandards ta' kwalità Ewropej u sservi l-ħtiġijiet ta' l-utenti istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea, il-gvernijiet, l-awtoritajiet reġjonali, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-intrapriżi u l-pubbliku ġenerali;
- (d) jikkooperaw ma' korpi statistiċi fil-livell internazzjonali biex jippromwovu l-użu tal-kunċetti, il-klassifikazzjonijiet u l-metodi internazzjonali konformi mal-Prinċipji Fundamentali ta' l-Istatistika Uffiċjali adottati mill-Kummissjoni ta' l-Istatistika tan-NU fl-14 ta' April 1994, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati aktar koerenza u komparabbiltà aħjar bejn l-istatistika fil-livell globali;
- (e) jipprovdu, fejn mitlub u garantit, l-appoġġ tekniku meħtieġ fil-qasam ta' l-organizzazzjoni ta' l-istatistika, u jippermettu l-prattika tajba biex tiġi maqsuma ma' korpi oħrajn jew ma' pajjiżi terzi; u
- (f) jagħmlu enfasi fuq il-kwalità ta' l-informazzjoni statistika, partikolarment l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tagħha, bl-attenzjoni dovuta biex tiġi żgurata l-kontinwità kronoloġika tad-data miġbura u tal-possibiltà tal-proċess xjentifiku tagħha.

Artikolu 4

Prijoritizzazzjoni, effiċjenza u flessibbiltà

1. Il-programm għandu jiżgura appoġġ statistiku kontinwu għad-deċiżjonijiet u l-evalwazzjonijiet fl-oqsma attwali tal-linji politiċi Komunitarji u jipprovdi appoġġ statistiku għal rekwiżiti addizzjonali importanti li ġejjin minn inizjattivi ta' linji politiċi Komunitarji għodda.
2. Il-Kummissjoni għandha, fit-tnejn tal-programmi ta' ħidma statistiċi annwali, tqis l-effettività fl-infiq ta' l-istatistika prodotta u tiżgura reviżjoni kontinwa tal-prijoritajiet statistiċi, bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jiġi minimizzat il-piż impost fuq dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ. Il-prijoritizzazzjoni għandha timmira li tibbilanċja l-ispejjeż addizzjonali u l-piż għar-rekwiżiti statistiċi l-għodda billi tnaqqas ir-rekwiżiti statistiċi f'setturi eżistenti ta'

statistika komunitarja u għandha titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

3. Fit-tnejn tal-programmi ta' ħidma statistika annwali, il-Kummissjoni tista' twettaq studji *ex ante* ta' l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe attività statistika għida ppjanata li timponi piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

4. Il-programm għandu jiżgura l-iżvilupp ta' strumenti għall-prijoritizzazzjoni ta' l-attivitàjiet statistiċi, għaż-żieda fil-flessibbiltà tas-Sistema Statistika Ewropea u għat-titjib tal-kapaċità tagħha biex tissodisfa b'mod debitu l-ħtiġijiet li qed jinbidlu ta' l-utenti.

5. Il-programm għandu jiżgura t-trasparenza, b'qies partikolari, inter alia, ta' l-Artikoli 1(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1104/2006 tat-18 ta' Lulju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 831/2002 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, fir-rigward ta' l-aċċess għal data kunfidenzjali għal finijiet xjentifiċi ⁽¹⁾.

Artikolu 5

Finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perijodu 2008 sa l-2012 huwa b'dan stabbilit għal EUR 274 200 000.
2. L-approprijazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-pakkett finanzjarju.

Artikolu 6

Rapporti

1. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lil-Kumitat tal-Programm Statistiku, għandha tippreżenta rapport ta' progress intermedju u ppreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn Ġunju 2010. Dan ir-rapport għandu jindirizza b'mod partikolari l-perijodu tat-tieni nofs tal-programm attwali u l-kwistjoni tal-perijodu li ser jiġi kopert mill-programm statistiku pluriennali li jmiss, tenut kont tal-mandat tal-Parlament Ewropew. Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-programm il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll analiżi preliminari ta' l-effetti kompetittivi fuq l-intrapriżi Żgħar u ta' daqs medju li rriżultaw mill-qiegħ propost fil-piż amministrattiv, u tal-kondiviżjoni tal-piż finanzjarju bejn il-baġit Komunitarju u dak ta' l-Istati Membri. Hija għandha wkoll tagħti attenzjoni speċjali lill-kwistjoni ta' datasets, għodod u metodoloġiji meħtieġa li għandhom iservu bħala l-bażi għall-produzzjoni ta' analiżi mingħajr preġudizzju u oġġettiva ta' l-impatti soċjali u ekonomiċi ta' oqsma importanti li jeħtieġu monitoraġġ u reviżjoni kostanti bħall-Politika Agrikola Komuni, is-servizzi fis-suq intern jew il-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss.

⁽¹⁾ ĠU L 197, 19.7.2006, p. 3.

2. Fi tmiem il-perijodu kopert mill-programm, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Programm Statistiku, għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-program, wara li tqis il-fehmiet ta' esperti indipendenti. Dak ir-rapport għandu jitlesta sa l-aħħar ta' l-2013 u sussegwentement jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Ir-rappurtar dwar l-eżitu tar-riprijoritizzazzjoni, inkluż estimi ta' l-ispejjeż u l-piż għall-proġetti statistiċi u oqsma koperti minn dan il-programm statistiku, kif ukoll il-valutazzjoni ta' bżonnijiet statistiċi emerġenti, b'mod partikolari għal linji politiċi Komunitarji ġodda għandhom jiffurmaw parti mir-rapport ta' progress intermedju u r-rapport ta' evalwazzjoni finali.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 11 ta' Diċembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

M. LOBO ANTUNES

ANNEX I

PROGRAMM STATISTIKU TA' ĦAMES SNIN: KWISTJONIJIET TRASVERSALI

Dan l-Anness għandu x'jaqsam ma' aspetti trasversali ta' importanza strateġika għall-iżvilupp ta' l-istatistika Komunitarja fil-perijodu medju għal dak fit-tul. Huwa jiddeskrivi l-ewwelnett, kif il-politika dwar l-istatistika fiha nnifisha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea; it-tieni, il-karatteristiċi ġenerali tas-Sistema Statistika Ewropea (SSE) u l-koperazzjoni ma' l-utenti u l-produtturi; u t-tielet, l-istrumenti prinċipali użati mill-awtorità Komunitarja f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali. Għal kull wieħed minn dawn l-aspetti dan l-anness jipprovdi taqsira ta' l-oġettivi u l-inizjattivi prinċipali li jridu jittieħdu matul dan il-perijodu ta' ħames snin.

1. Ir-rwol ta' l-istatistika fl-integrazzjoni Ewropea

Informazzjoni statistika affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali fl-UE u l-komponenti tagħha fuq livell nazzjonali u reġjonali hija prekundizzjoni meħtieġa għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea. Din tipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u ċ-ċittadini bil-mezzi fattwali meħtieġa biex jivvalutaw il-ħtieġa għal inizjattivi politiċi Ewropej u l-progress tagħhom. Statistika armonizzata u kumparabbli hija wkoll indispensabbli biex il-pubbliku ġenerali jifhem l-Ewropa, għall-parteċipazzjoni ta' ċ-ċittadini fid-dibattitu u l-proċess demokratiku dwar il-ġejjieni ta' l-Ewropa u għall-parteċipazzjoni ta' l-operaturi ekonomiċi fis-suq intern.

L-approfondiment u t-tkabbir ta' l-UE huma riflessi fl-SSE (Sistema Statistika Ewropea) innfisha: L-istrategġiji u l-miżuri ta' l-SSE jinkludu l-armonizzazzjoni kontinwa ta' kunċetti, definizzjonijiet u metodi, u, jekk ikun meħtieġ, l-integrazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u l-implimentazzjoni ta' sistemi interoperabbli komuni. Madankollu, l-SSE għandha bżonn tiżviluppa ulterjorment l-istrutturi, l-istrategġiji u l-miżuri tagħha biex ikun żgurat li s-sistema żżomm u tiżviluppa l-kwalità u l-effettività neċessarji biex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' l-utenti. Fost oħrajn, ir-riċerka fl-istatistika uffiċjali tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' l-infrastruttura, l-effiċjenza u l-kwalità ta' l-istatistika Komunitarja.

L-oġettivi fil-perijodu tal-programm huma:

- aktar armonizzazzjoni, żvilupp u implimentazzjoni tal-“lingwa statistika komuni” tal-kunċetti, klassifikazzjonijiet u metodoloġiji. Fost l-aktar azzjonijiet importanti f'dan il-qasam hija r-reviżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontabbiltà u l-implimentazzjoni tan-NACE Rev. 2 ta' l-attivitàjiet ekonomiċi;
- jiġi żviluppat reġistru statistiku Ewropew ta' gruppi intraprenditorjali multinazzjonali u dan għandu jiġi integrat fil-proċessi produttivi statistiċi;
- aktar żvilupp u implimentazzjoni ta' l-istandards u l-għodda komuni għall-iskambju effiċjenti u mingħajr periklu ta' *data* u *metadata* statistiċi fl-SSE f'koperazzjoni ma' servizzi rilevanti oħra tal-Kummissjoni, mas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-istandards għandhom jiġu infurzati fis-setturi rilevanti kollha;
- żvilupp u implimentazzjoni ta' repositorju tal-*metadata* – disponibbli għall-utenti kif ukoll għall-produtturi – biex jgħaqqad fih id-*data* u l-*metadata* għaċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni tad-*data*;
- il-promozzjoni ta' aktar użu ta' l-Internet – mhux biss bl-iskop ta' tixrid għall-benefiċċju ta' l-utenti finali, imma wkoll għal partijiet oħra tal-proċess produttiv statistiku;
- żvilupp u implimentazzjoni ta' linji politiċi u għodod għall-ġestjoni tal-kunfidenzjalità armonizzata fl-SSE. B'mod partikolari, ser jiġu żviluppati u implimentati mezzi armonizzati ta' l-aħjar aċċess għal riċerkaturi awtorizzati għal mikro data anonimizzata miġbura għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja. Ir-riskju ta' żvelar għandu jkun valutat b'mod adegwat, u ser jiġu żviluppati mezzi tekniċi biex jiġi faċilitat l-aċċess għad-*data* statistika u l-kondiviżjoni tagħha;
- żvilupp tal-mezzi għall-iskambju ta' l-għodda fl-SSE. Għal dan il-għan għandha ssir promozzjoni ta' l-użu ta' l-Open Source Software (OSS);
- jiġu stabbiliti l-mezzi biex isir użu operattiv aħjar tar-riżultati mir-riċerka ta' l-istatistika uffiċjali.

2. Relazzjonijiet mal-partijiet interessati

2.1. Is-Sistema Statistika Ewropea (SSE)

L-Eurostat huwa responsabbli biex jiggarantixxi l-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja għal finijiet tal-politika ta' l-UE. Produzzjoni effiċjenti ta' l-istatistika Komunitarja koperta minn dan il-programm, fejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri huma responsabbli għall-produzzjoni ta' statistika nazzjonali armonizzata u fejn l-Eurostat huwa responsabbli għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja fuq il-bażi ta' data pprovduta fil-biċċa l-kbira tagħha mill-awtoritajiet statistiċi nazzjonali, titlob koperazzjoni kordinata u mill-qrib. Din il-koperazzjoni tinkiseb permezz ta' l-SSE.

L-SSE hija l-partenarjat li jinkludi l-Eurostat, l-istituti statistiċi nazzjonali u korpi statistiċi nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistika Ewropea f'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-Istatistika Ewropea. L-Eurostat jiggarantixxi l-ġestjoni u l-koordinazzjoni meħtieġa għal din l-istruttura sabiex tkun żgurata l-proviżjoni f'waqtha ta' statistika b'appoġġ għall-ħtiġijiet politiċi ta' l-UE.

L-iskambju ta' l-esperjenza, l-aħjar prattika, l-għarfien tekniku u t-teknika metodoloġika prinċipali fost il-membri ta' l-SSE huwa wkoll element fundamentali tal-funzjonament mingħajr xkiel tas-sistema. Dan huwa promoss permezz ta' l-iżvilupp tal-Programm Ewropew ta' Taħriġ Statistiku.

L-objettivi fil-perijodu tal-programm huma:

- li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-inizjattivi adatti lejn konformità mal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-Istatistika Ewropea;
- li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv dwar it-Tmexxija Statistika Ewropea sabiex tikkomplementa l-istruttura ta' tmexxija;
- li jiġi esplorat tikkettar ta' kwalità ta' l-aggregati statistiċi uffiċjali Ewropej fl-istudji ta' fattibbiltà għall-iżvilupp ta' proċeduri, standards u kriterji adatti għal dak il-fini;
- li jiġi żgurat li l-Programm Ewropew ta' Taħriġ Statistiku jimmira li jtejjeb il-kwalità ġenerali ta' l-istatistika Ewropea billi jgħolli l-kwalifiki ta' l-istatistiċi, jippromwovi l-indipendenza tagħhom, jinkoraġġixxi kemm it-taħriġ teoretiku kif ukoll it-taħriġ prattiku u l-iskambju ta' esperjenzi u ta' l-aħjar prattika.

2.2. Koperazzjoni ma' l-utenti

Huwa importanti ħafna li jkun hemm dialogu kontinwu u mill-qrib ma' l-utenti ta' l-istatistika Komunitarja dwar il-ħtiġijiet tagħhom, l-użu li fil-fatt isir mill-istatistika u l-prijoritajiet. Il-koperazzjoni attwali ma' l-utenti hija ta' benefiċċju u tinkludi fost oħrajn l-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew dwar l-Infurmazzjoni Statistika fl-Isferi Ekonomiċi u Soċjali (CEIES)⁽¹⁾, il-koperazzjoni mal-federazzjonijiet Ewropej tan-negozju u d-diskussjonijiet formali tal-programm ta' ħidma statistika mas-servizzi tal-Kummissjoni. Madankollu, hekk kif in-numru ta' utenti ta' l-istatistika Komunitarja jiżdied u l-utenti jsiru aktar differenti fil-ħtiġijiet tagħhom, l-Eurostat għandu jkompli jsahha id-dialogu bejn l-SSE u l-utenti tagħha.

L-objettivi fil-perijodu tal-programm huma:

- titnaqqas id-distanza bejn l-utenti u l-produtturi billi tittejjeb il-komunikazzjoni mal-gruppi u n-netwerks differenti ta' l-utenti;
- tiġi implimentata investigazzjoni proattiva dwar il-ħtiġijiet ta' l-utenti. B'hekk is-Sistema Statistika Ewropea tkun tista' tirrispondi b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet emerġenti;
- tiġi msaħħa s-CEIES u b'hekk l-iżvilupp ta' l-istatistika Komunitarja jkun jista' jsir aktar orjentat lejn il-ħtiġijiet ta' l-utenti.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni ipproponiet is-sostituzzjoni tas-CEIES mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Istatistika Ewropea.

2.3. Koperazzjoni teknika ma' terzi pajjiżi

L-interazzjoni bejn l-UE u pajjiżi ġirien u ma' reġjuni u pajjiżi oħra fid-dinja kollha tirrikjedi statistika uffiċjali affidabbli dwar il-kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali f'dawk il-pajjiżi. Għandha sseħħ koperazzjoni teknika komprensiva sabiex tinbena l-kapaċità statistika ta' dawk il-pajjiżi u tkun ipprovduta l-istatistika meħtieġa għall-ġestjoni tal-politika ta' l-UE. Dan japplika speċjalment fil-każ tal-pajjiżi kandidati ta' l-UE. Dik il-koperazzjoni tinvolveja l-kompetenzi ta' bosta msieħba fl-SSE.

L-oġettiv fil-perijodu tal-programm huwa:

- li jiġu mħejjija u implimentati programmi ta' żvilupp reġjonali u tkun żgurata r-rabta mill-qrib bejn l-azzjonijiet statistiċi u l-oġettivi usa' tal-programmi ta' l-UE.

2.4. Koperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali

L-istatistika ma tridx tkun biss kumparabbli bejn l-Istati Membri ta' l-UE, imma anki fil-livell internazzjonali usa', u bosta setturi ta' l-SSE huma bbażati fuq metodoloġija miftehma internazzjonalment. F'bosta każijiet l-SSE tiegħu r-riedni f'idejha u tiżviluppa standards qabel ma jidħlu dawk globali. F'każijiet bħal dawn huwa essenzjali li l-metodoloġija globali iqisu l-iżviluppi Ewropej. Il-koperazzjoni internazzjonali tinkludi wkoll il-ġestjoni konġunta ta' proġetti prinċipali u l-koordinazzjoni ta' programmi ta' ħidma u attivitajiet ta' ġbir ta' data sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-isforzi.

L-esperjenza uriet li pożizzjoni koordinata u komuni hija importanti biex il-prijoritajiet ta' l-UE jkollhom impatt fuq l-aġenda u l-iżvilupp u l-armonizzazzjoni tas-sistemi statistiċi internazzjonali. Għal dik ir-raġuni, ingħata bidu għal tħejji u koordinazzjoni intensifikati tal-pożizzjonijiet ta' l-UE qabel ma jsiru laqgħat internazzjonali ta' livell għoli.

L-oġettivi fil-perijodu tal-programm huma:

- li jkun żgurat li l-UE tkun rappreżentata b'mod konsistenti u, fejn ikun il-każ, tikkordina l-pożizzjonijiet tagħha fl-aktar fora statistiċi internazzjonali importanti u fi kwistjonijiet ta' priorità għall-politika ta' l-UE; u
- il-promozzjoni tal-koperazzjoni u l-koordinazzjoni internazzjonali tal-programmi ta' ħidma sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u titjieb il-komparabbiltà ta' l-istatistika internazzjonali.

3. Strumenti

3.1. Leġislazzjoni aħjar

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 322/97 jindika tliet tipi ta' "azzjonijiet statistiċi individwali" li jistgħu jintużaw għall-implimentazzjoni tal-programm statistiku Komunitarju: l-ewwel, leġislazzjoni adottata skond il-proċedura kodeċiżjonali, li biha l-Kummissjoni tista' tingħata setgħat ta' implimentazzjoni; it-tieni, azzjonijiet li jittieħdu direttament mill-Kummissjoni, taħt ċirkustanzi limitati ħafna: l-azzjoni ma tistax iddum għal aktar minn sena, id-data li trid tingħabar għandha tkun faċilment disponibbli jew aċċessibbli fl-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, u kull spiża addizzjonali mwettqa fil-livell nazzjonali b'riżultat ta' l-azzjoni trid titħallas mill-Kummissjoni; it-tielet, isiru ftehimiet bejn l-Eurostat u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat għandu jkun l-għażla preferuta fil-parti l-kbira tas-sitwazzjonijiet meta l-ġbir ta' l-istatistika jkun meħtieġ. Dan ikun ibbażat fuq politika leġislattiva realistika f'konformità mal-politika tal-Kummissjoni għal leġislazzjoni aktar sempliċi u mmirata tajjeb. L-inizjattivi leġislattivi ġodda għandhom jitħejjew b'mod eżawrjenti mal-partijiet interessati u għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' l-utenti, jevitaw piż eċċessiv fuq dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ, jieħdu kont dovut tal-prijoritajiet, l-ispejjeż u l-possibiltajiet għall-ikkunsinnar.

L-oġettivi fil-perijodu tal-programm huma li jittieħdu inizjattivi sabiex:

- jiġi sostitwit ftehim b'leġislazzjoni Komunitarja f'ċerti oqsma ta' produzzjoni regolari ta' statistika Komunitarja li jkunu laħqu livell ta' maturità suffiċjenti;
- il-leġislazzjoni tiġi fformulata mill-ġdid u ssimplifikata f'oqsma statistiċi b'leġislazzjoni Komunitarja kumplessa, ser jittieħdu inizjattivi; u
- titħassar jew tiġi riveduta l-leġislazzjoni f'oqsma statistiċi fejn il-leġislazzjoni Komunitarja ma tirriflettix b'mod effettiv il-ħtiġijiet ta' l-utenti, il-prijoritajiet u l-kuntest soċjo-ekonomiku u teknoloġiku.

3.2. Monitoraġġ tal-Konformità

Il-kwalità ta' l-istatistika Komunitarja tinkludi – apparti r-rekwiżiti xjentifiċi – il-ħtieġa fundamentali ta' konformità mal-prinċipji tat-Trattat u l-leġislazzjoni sekondarja. Għallhekk, monitoraġġ vigoruż u sistematiku ta' l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni huwa prijorità. Għandha tkun segwita strateġija ta' konformità globali u koerenti strutturata madwar il-prinċipji ta' politika leġislattiva realistika, l-obbligu ta' l-Istati Membri biex japplikaw sistematikament il-leġislazzjoni statistika u monitoraġġ koerenti u sistematiku tal-konformità. Parti mill-proċess ta' konformità għandha tkun il-kuntatti mill-qrib ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti matul il-fażijiet kollha.

L-oġġettiv fil-perjodu tal-programm huwa:

— li jkun żgurat il-monitoraġġ sistematiku tal-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja.

3.3. Abbiltà akbar biex il-ħtiġijiet ta' l-utenti jkunu sodisfatti

Sabiex jittieġeb is-servizz statistiku għall-utenti, u sabiex tittieġeb l-effiċjenza għall-SSE kollha kemm hi, hija meħteġa attenzjoni aktar b'saħħitha fuq il-ħtiġijiet bażiċi għall-politika Ewropea. F'każijiet speċifiċi din ser tkun ibbażata fuq "l-approċċ Ewropew lejn l-istatistika", strateġija pragmatika biex tiffaċilita il-kompilazzjoni ta' l-aggregati statistiċi Ewropej li huma ta' importanza partikolari għall-politika Komunitarja. Iridu jissaħħu wkoll il-flessibbiltà ta' l-SSE u l-kapaċità tagħha biex tissodisfa minnufih ir-rekwiżiti ġodda ta' l-utenti.

L-oġġettivi fil-perjodu tal-programm huma:

- it-titjib fil-koerenza fis-sistemi statistiċi sabiex tisaħħaħ il-kapaċità biex ir-rekwiżiti ta' l-utenti jkunu sodisfatti billi jiġu magħquda flimkien sorsi statistiċi differenti;
- jiġi estiż l-użu ta' moduli *ad-hoc* fi sħarriġ Komunitarji f'każijiet speċifiċi, u b'hekk tiżdied l-abbiltà ta' rispons għal ħtiġijiet ġodda;
- tintuża d-differenzazzjoni tar-rekwiżiti skond il-piż tal-pajjiżi fl-aggregati statistiċi Ewropej b'mod prevalenti, u b'hekk jitnaqqsu b'mod sinifikattiv l-ispejjeż għal xi awtoritajiet nazzjonali u l-piż fuq dawk li jieħdu sehem fil-istħarriġ u tittieġeb il-prontezza ta' l-aggregati statistiċi ta' l-UE; u
- jintużaw f'każijiet speċifiċi kampjuni Ewropej maħsuba biex jipprovdu data ta' kwalità tajba fil-livell ta' l-aggregati Ewropej, u b'hekk tittieġeb il-koerenza u l-komparabbiltà u jiġu simplifikati l-proċessi tal-produzzjoni.

3.4. Appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-oġġettivi Komunitarji

Sabiex tiżgura s-sodisfazzjoni f'waqtha tal-bżonnijiet ta' l-utenti, il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' l-istatistika u l-akkumulazzjoni tal-kapaċità fl-SSE permezz ta' l-għoti ta' kuntratti ta' servizz jew il-konklużjoni ta' ftehimiet għal għotjiet. Dan l-appoġġ ser iqis il-kondiviżjoni tal-piż finanzjarju bejn il-baġits ta' l-UE u dawk ta' l-Istati Membri relatati ma' l-implimentazzjoni tal-programm (kif ukoll tas-sitwazzjoni individwali ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każijiet fejn jintuża l-approċċ Ewropew għall-istatistika).

L-oġġettivi fil-perjodu tal-programm huma:

- jingħataw kuntratti ta' servizz u ftehim għal għotjiet bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aqwa żvilupp ta' l-istatistika u l-akkumulazzjoni tal-kapaċità fl-SSE, bl-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli;
- isiru sforzi għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' l-għotjiet mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju appllikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

3.5. L-użu tal-ħila teknika ta' l-imsieħba għal għanijiet Komunitarji

Il-kisba ta' l-oġġetti ta' l-SSE u l-iżgurar tat-titjib meħtieġ fil-programmi, il-proċessi u l-prodotti biex ikunu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu ta' l-utenti mhux biss jirrikjedu riżorsi suffiċjenti iżda anki l-kreattività u l-kompetenza ta' l-SSE kollha. Għalhekk, ser jiġu stabbiliti modi ġodda ta' kif tiġi strutturata l-organizzazzjoni Prattika ta' ċerti attivitajiet – bl-użu tal-ħila teknika u l-aħjar Prattika meta dawn ikunu disponibbli – sabiex jinħolqu s-sinerġiji u jttejbu l-effiċjenza u l-kwalità ġenerali.

L-oġġettiv fil-perjodu tal-programm huwa:

- li jiġu stabbiliti jew żviluppati iktar strutturi, għodda u proċessi konġunti (per eżempju, s-SSEnet – networks ta' kollaborazzjoni bejn is-sieħba ta' l-SSE bl-għan li jiġi evitat ix-xogħol doppju, u għalhekk, li tiżdied l-effiċjenza), bl-involviment ta' l-awtoritajiet nazzjonali u s-servizzi rilevanti tal-KE u bl-iffaċilitar ta' l-ispeċjalizzazzjoni ta' ċerti Stati Membri f'attivitajiet statistiċi speċifiċi għall-benefiċċju ta' l-SSE ġenerali.

3.6. Disseminazzjoni

L-oġġettivi u l-għodda tat-tixrid se jsirillhom tibdil sostanzjali matul il-perjodu tal-programm u dan mhux biss ser jibdel in-natura tal-funzjoni tat-tixrid infisha b'mod sinifikanti, imma ser iħalli wkoll impatt sinifikanti fuq il-fażijiet l-oħra tal-proċess statistiku tal-produzzjoni.

L-evoluzzjoni mgħaġġla tal-kapaċità u d-disponibbiltà ta' l-Internet ser jagħmluh l-għodda primarja għat-tixrid tad-data statistika fil-ġejjieni. L-Internet ser iżid b'mod sinifikanti l-komunità ta' l-utenti potenzjali u b'hekk joħloq opportunitajiet ġodda għat-tixrid. Barra dan, joħloq il-possibbiltà għal koperazzjoni intensifikata bejn l-Eurostat u l-istituti statistiċi nazzjonali. Madankollu, l-Internet ser jintroduċi wkoll sfidi ġodda sinifikanti għall-preżentazzjoni ta' data li tkun faċli biex tintuża u li tgħin lill-utenti jsibu, jesponu u jifhmu l-istatistika. It-tixrid eżistenti ta' pubblikazzjonijiet fuq il-karta u medja elettronika offline ser ikollu jevolvi f'għodda supplementari ta' tixrid. Strutturi adegwati li jappoġġjaw lill-utent u komunikazzjoni ma' gruppi ta' utenti huma elementi importanti ta' tixrid effettiv.

L-oġġettivi fil-perjodu tal-programm huma:

- li s-sit ta' l-Internet ta' l-Eurostat jevolvi f'termini ta' kontenut, faċilità ta' l-użu u l-funzjonalità, u b'hekk jikkorrispondi ma' l-aħjar Prattika;
- tiżdied il-koperazzjoni ma' pjattaformi oħra ta' tixrid ta' l-SSE u ta' servizzi oħra tal-KE sabiex jiġi faċilitat l-użu tas-siti ta' l-Internet u jttejbej il-valur ta' l-informazzjoni statistika għall-utenti.

3.7. Il-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji

L-SSE trid tgħasse b'viġilanza l-bilanċ bejn il-bżonn għal informazzjoni għal finijiet ta' politika Komunitarja u r-riżorsi meħtieġa fil-livell ta' l-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali biex tiġi pprovduta din l-informazzjoni. Il-proviżjoni ta' riżorsi adegwati fil-kuntest nazzjonali huwa ta' importanza partikolari biex jiġu milħuqa r-rekwiżiti ta' informazzjoni ta' statistika tad-deċiżjonijiet politiċi ta' l-UE. Madankollu, huwa wkoll importanti li tinżamm flessibbiltà biżżejjed biex l-awtoritajiet nazzjonali jitħallew jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' informazzjoni statistika tal-Komunità bl-aktar mod kost-effettiv.

L-istipular tal-prijoritajiet għandu jkun ibbażat fuq tliet prinċipji gwida ta' livell għoli:

- il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-utenti, inkluża r-rilevanza tat-tfassil tal-politika fil-livell Komunitarju;
- valutazzjonijiet ta' l-implikazzjonijiet ta' l-ispiża għal dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni bl-użu, per eżempju, tal-Mudell ta' Spiża Netta ta' l-UE, jew il-Mudell ta' Spiża Standard;
- valutazzjoni ta' kwistjonijiet statistiċi speċifiċi ta' importanza għall-kost-effettività ta' statistika partikolari, inkluż il-kompromess bejn il-komponenti differenti tal-kwalità statistika, per eżempju "il-preċiżjoni" u "l-prontezza", u l-possibbiltajiet għal obbligi ta' rappurtar flessibbli b'attenzjoni fuq il-ħtiġijiet prinċipali Ewropej.

Sabiex tiġi massimizzata l-kost-effettività ġenerali u tiġi insegwita prijoritizzazzjoni bilanċjata ta' l-attivitajiet fil-programmi ta' ħidma statistiċi annwali, dawn il-prinċipji għandhom ikunu applikati b'mod trasparenti u skond linji gwida prattiċi li għandhom jiġu żviluppati u miżmuma mill-Eurostat f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-istatistika.

L-oġġettivi fil-perijodu tal-programm huma:

- li jiġu stabbiliti metodi għal reviżjonijiet pass b'pass fil-fond ta' setturi eżistenti ta' l-istatistika Komunitarja u għall-valutazzjoni ta' talbiet ġodda jew sostanzjalment mibdula mingħand l-utenti. Dan ser ikun importanti għat-titjib kontinwu ta' l-istatistika Komunitarja, b'hekk tiġi żgurata l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti li jistgħu jitnaqqsu jew jitwaqqfu, u għall-introduzzjoni ta' inizjattivi statistiċi riveduti jew ġodda;
- li l-oqsma kollha koperti minn dan il-programm statistiku ikunu suġġetti għal analiżi ta' effettività fl-infiq, li tibda bi stima tal-piż ta' l-ispejjeż, li tippermetti riprijoritizzazzjoni sistematika qabel it-tmiem tal-perijodu tal-programm 2008-2012. Pjan ta' azzjoni għall-proċess kollu ser jiġi mniedi fi żmien l-ewwel sitt xhur tal-perijodu tal-programm 2008-2012;
- li l-proġetti statistiċi ġodda kollha jew ir-reviżjonijiet prinċipali ta' l-istatistika eżistenti li x'aktarx jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq il-fornituri tad-*data*, b'mod partikolari l-intrapriżi, ikunu suġġetti għal analiżi ta' l-effettività fl-infiq qabel l-implimentazzjoni tagħhom;
- li jiġu stabbiliti miri għal-limitazzjoni jew it-tnaqqis ta' l-ispejjeż ġenerali u l-piż biex jiggwidaw il-proċess ta' reviżjoni u prijoritizzazzjoni mill-ġdid;
- li jiġi żgurat li l-piż tar-rappurtar ikun proporzjonat għall-bżonnijiet ta' l-utenti u mhux eċċessiv għal dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ser jiġu attwati miżuri għall-monitoraġġ tiegħu u jitpoġġew fil-prattika mezzi għall-minimizzar ta' tali piż. L-użu akbar ta' *data* amministrattiva għal finijiet statistiċi ser ikun strument importanti fir-rigward ta' dan; u
- li tintuża, sa fejn hu possibbli, id-*data* eżistenti biex jiġu sodisfatti rekwiżiti statistiċi ġodda.

ANNEX II

PROGRAMM STATISTIKU TA' ĦAMES SNIN: OĠĠETTIVI U AZZJONIJET

Dan l-Anness jipprovdi taqsira tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti statistiċi mill-perspettiva tal-ħtiġijiet politiċi ta' l-Unjoni Ewropea. Wara l-ewwel taqsima li tittratta attivitajiet statistiċi trasversali li jappoġġaw il-prijoritajiet politiċi ġenerali, dawn il-ħtiġijiet huma klassifikati skond it-Titoli identifikati fit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat tal-KE). Dan jista' jwassal għal xi repetizzjonijiet għaliex uħud mill-attivitajiet statistiċi jikkontribwixxu għal aktar minn Titolu wieħed. Għal kull settur politiku dan l-Anness jipprovdi l-qafas legali, is-sitwazzjoni attwali u l-inizjattivi prinċipali li ser jittieħdu matul dan il-perjodu ta' ħames snin.

Il-prijoritajiet, definiti mill-Kummissjoni, għandhom ikunu diskussi kull sena ma' l-Istati Membri sabiex jiġu effettwati proposti għas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti statistiċi li għandhom jiġu integrati fil-proċess ta' l-adozzjoni ta' bażijiet legali ġodda u l-miżuri implimentattivi tagħhom. L-aħjar Prattika fil-ġbir tad-data ser tkun diskussa u skambjata regolament bejn l-Istati Membri sabiex jiġu promossi s-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-metodi tal-ġbir tad-data għat-tħaffif tal-piż fuq dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ.

ATTIVITAJET STATISTIĊI TRANSEZZJONALI LI JAPPOĠĠAW IL-PRIJORITAJET POLITIĊI ĠENERALI TAL-KOMUNITÀ**Indikaturi strutturali u indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli****Il-qafas legali**

L-Istrateġija ta' Liżbona adottata mill-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Marzu 2000 tipprovdi l-bażi għal indikaturi strutturali prinċipalment orjentati lejn tkabbir ekonomiku u impjiegi kif stabbilit fil-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Imjiegi fl-2005 (Artikolu 99 tat-Trattat tal-KE). L-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli ingħataw pedament ġdid permezz ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006.

Is-sitwazzjoni attwali

Huma meħtieġa statistika u indikaturi għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni u l-impatt kemm ta' l-Istrateġija ta' Liżbona kif ukoll ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli, it-tnejn ta' natura trasversali. L-iżviluppi jibqgħu jiġu introdotti fuq bażi kontinwa biex is-settijiet ta' indikaturi jkun aġġustati għall-ħtiġijiet attwali u biex tittejjeb il-kwalità ta' l-informazzjoni provduta lill-pubbliku ġenerali.

Uħud mill-oqsma – bħal ma huma dawk tas-sikurezza u l-kwalità ta' l-ikel, is-sustanzi kimiċi u l-pestiċidi, is-saħħa u l-ambjent, ir-responsabbiltà korporattiva, il-bijodiversità, ir-riżorsi naturali, it-trasport, l-ekosistemi marittimi, il-governanza tajba u s-servizzi finanzjarji – għadhom mħumiex koperti mill-indikaturi b'mod adegwat.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli u strutturali ser jiġu aġġustati għal ħtiġijiet emerġenti ġodda ta' l-utenti u għal programmi nazzjonali speċifiċi, filwaqt li jitqiesu l-oqfsa ġenerali bħall-Kontinġent Nazzjonali;
- Ser ikun żviluppati indikaturi ġodda ta' l-iżvilupp sostenibbli f'kooperazzjoni ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u ma' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex ikun hemm rispons aħjar għall-ħtiġijiet eżistenti u tal-futur, partikolarment fl-oqsma tas-sikurezza u l-kwalità ta' l-ikel, is-sustanzi kimiċi u l-pestiċidi, is-saħħa u l-ambjent, ir-responsabbiltajiet korporattivi, il-bijodiversità, ir-riżorsi naturali, it-trasport, l-ekosistemi tal-baħar, l-użu ta' l-art u l-governanza tajba. It-tqassim reġjonali se jkun żviluppat aktar kif xieraq;
- Ser tittejjeb il-kwalità ta' l-indikaturi eżistenti u l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-indikaturi ppubblikati għandha titlesta;
- Ser tittejjeb il-komunikazzjoni kemm dwar l-indikaturi strutturali kif ukoll dwar l-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità ma' l-importanza ta' l-istrateġiji sottostanti.

Tkabbir**Il-qafas legali**

Għan-negozjati dwar l-ađeżjoni, il-Kummissjoni trid tkun tista' tirrikorri għal sett komplut ta' statistika affidabbli, metodoloġikament kumparabbli ma' dik l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. L-assistenza statistika lil Stati Membri ġodda, pajjiżi kandidati u dawk pre-kandidati hija regolata minn qafas legali b'saħħtu li jinkludi l-Atti ta' l-Ađeżjoni u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument ta' Assistenza ta' Qabel l-Ađeżjoni (IPA) ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

Is-sitwazzjoni attwali

Filwaqt li tissodisfa l-oġġettivi tagħha fil-qasam ta' l-assistenza statistika, l-Unjoni tinsab għalhekk wiċċ imb'wiċċ ma' sfidi pjuttost differenti:

- l-integrazzjoni tal-membri potenzjali l-ġodda fil-mekkaniżmi Komunitarji kollha, inklużi, per eżempju, il-baġits tar-riżorsi proprji u l-fondi strutturali u l-kwistjonijiet u l-programmi l-oħra kollha,
- it-tħejjija kif jixraq tal-kandidati qabel l-adeżjoni tagħhom billi tieħu sehem fil-proċess tan-negożjati u ssegwi l-impenni li jkunu għamlu matul in-negożjati sa ma sseħħ l-adeżjoni tagħhom, u
- it-tkomplija tat-tħejjija tal-bqija tal-kandidati u tghinjom jiksbu konformità sħiħa mal-leġislazzjoni Komunitarja attwali.

Dan ipoġġi pressjoni kbira fuq il-produzzjoni statistika tal-kandidati. Statistika ekonomika bażika hija indispensabbli, inkluż it-tixrid settorjali u reġionali tal-prodott gross domestiku, il-popolazzjoni, l-impjeg eċċ. Statistika ewlenija oħra tinkludi dik li tkejjel l-implimentazzjoni tas-suq intern, bħan-negożju f'merkanzija, in-negożju f'servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, il-bilanċ tal-ħlasijiet, il-flussi ta' kapital, il-mobbiltà tal-persuni, l-istruttura u l-produzzjoni industrijali eċċ. Barra dan, hemm rekwiżiti għal statistika f'setturi li huma sensitivi għan-negożjati ta' l-adeżjoni, li jappoġġjaw l-elementi politiki ewlenin ta' l-UE bħall-agrikoltura, it-trasport, ir-reġjuni u l-ambjent.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Ser jiġi kkonsolidat il-ġbir ta' data komparabbli għal-linji politiki ewlenin għan-negożjati u l-finijiet interni tal-Kummissjoni;
- Ser titkompla l-assistenza lil Stati Membri ġodda, pajjiżi kandidati u daww pre-kandidati sabiex is-sistemi statistiċi tagħhom jiġu aġġustati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti Komunitarji.

TITOLU I

MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

Il-qafas legali

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE: L-Artikolu 133 (il-politika kummerċjali komuni).

L-atti ġuridiċi li jkopru l-oqsma statistiċi rilevanti: Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istatistika Komunitarja fir-rigward tan-negożju f'merkanzija bejn l-Istati Membri ⁽¹⁾; ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Jannar 2005, dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani ⁽²⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

L-aġġustamenti tal-leġislazzjoni statistika tan-negożju prinċipalment fir-rigward tar-regolament ta' Intrastat, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' rappurtar ta' l-Intrastat fl-Istati Membri l-ġodda u t-tnaqqis ta' l-elementi fin-Nomenklatura Magħquda kienu kisbiet prinċipali matul l-aħħar perijodu tal-programm. Dawn l-iżviluppi nkisbu sabiex ikunu moqdija aħjar il-ħtiġijiet ta' l-utenti ta' data statistika fil-livell Komunitarju kif ukoll fil-livell ta' l-Istati Membri billi għamlu possibbli l-interpretazzjoni adatta ta' l-iżviluppi makroekonomiċi u l-valutazzjoni tal-kompetittività ta' l-UE u ta' l-Istati Membri. Fl-istess ħin, ġew ottimizzati l-ġbir u l-ipproċessar tad-data statistika u, bħala riżultat, tnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq min jipprovi l-informazzjoni statistika. Dawn ir-riżultati huma b'mod ġenerali konformi ma' l-oġġettivi ta' l-aġenda ta' Liżbona.

L-għan fil-perijodu mill-2008 sa l-2012 ser ikun li jitkompla ulterjorment l-isforz għal simplifikazzjoni, l-armonizzazzjoni tat-tipi differenti ta' statistika fir-rigward tal-movimenti internazzjonali ta' merkanzija u l-istatistika dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet, filwaqt li fl-istess ħin jiġu esplorati possibiltajiet li jintrabtu flimkien id-data statistika kummerċjali u n-Nomenklatura ma' tipi oħra ta' statistika, prinċipalment ma' statistika dwar in-negożju jew in-Nomenklatura ta' l-attivitajiet industrijali. L-eżitu ser ikun pass ulterjuri 'l quddiem lejn qafas aktar simplifikat, trasparenti u komprensibbli għall-kompilazzjoni u l-użu ta' statistika kummerċjali, u dan ikompli jnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi u b'hekk titħeġġeġ il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-ekonomija Ewropea. Fl-istess ħin l-interkonnettività bejn it-tipi differenti ta' statistika għandha toħloq il-possibbiltà ta' l-użu ta' metodi ġodda ta' analizzar ta' żviluppi ekonomiċi u strutturali u ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi fl-UE.

⁽¹⁾ ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 602/2006 tal-Kummissjoni (ĠU L 106, 19.4.2006, p. 10).

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Il-Kummissjoni ser tipproponi sistema tal-fluss uniku jew l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe metodu ieħor li jwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-piż tar-rispons statistiku għall-INTRASTAT sa l-2010 filwaqt li jkunu kkunsidrati l-istudji tal-fattibbiltà dwar il-kwalità, inkluż il-prontezza, ta' l-istatistika.
- Ser jiġi żviluppata metodi u għodda li jimmiraw lejn integrazzjoni aħjar tat-tipi differenti ta' informazzjoni statistika rikjesti min-negozji.
- Għandha tkompli tittejjeb il-konsistenza bejn l-istatistika tan-negozju f'merkanzija u l-istatistika dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet. Fil-perjodu fit-tul, għandha tiġi żviluppata sistema statistika integrata tal-kummerċ li tirrifletti l-flussi trans-konfinali ta' merkanzija, servizzi u flussi oħrajn relatati mal-kummerċ b'mod koerenti u metodoloġikament konsistenti.

TITOLU II

AGRIKULTURA

Il-qafas legali

L-istatistika agrikola tirrifletti l-livell għoli ta' l-integrazzjoni agrikola ta' l-UE, l-importanza tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-baġit ta' l-UE u l-irwol essenzjali li għandha fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet tal-PAK.

Is-sitwazzjoni attwali

L-istatistika agrikola tradizzjonali għandha tibqa' għodda kruċjali għas-CAP (il-ġestjoni tas-suq) u għandha tiġi kkonsolidata u simplifikata. Mill-banda l-oħra, it-tħassib politiku ġdid (l-iżvilupp rurali, il-konformità u l-impatti ambjentali, is-sikurezza ta' l-ikel) ser jirrikjedu statistika strutturali li tista' tkun anqas frekwenti imma li għandha tissodisfa l-ħtieġa għal tqassim ġeografiku dettaljat u xi kultant speċifiku li jaqbel, per eżempju, ma' data spazjali dwar il-ħamrija, il-baċini idrografiċi u l-bijodiversità. Iċ-ċensiment agrikolu ta' l-2010 ser ikun sors prezzjuż ħafna f'dan ir-rigward.

Waħda mill-proposti ewlenin inkluża fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ikel Organiku u l-Biedja Organika" ta' l-2004 tiffoka fuq żvilupp misjuq mill-informazzjoni tas-suq għall-ikel organiku. Għal dan il-għan, għandu jkun previst il-ġbir ta' data statistika kemm dwar il-produzzjoni kif ukoll dwar is-suq ta' prodotti organiċi. L-arkitettura legali tas-sistema ta' l-UE għall-istatistika agrikola għandha tiġi ssimplifikata fil-ġejjieni qrib u ser ikollha tiġi implimentata fl-UE u fil-pajjiżi kandidati.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' indikaturi speċifiċi għall-ġestjoni ambjentali u sostenibbli tal-foresti u l-industriji li l-prodotti tagħhom ġejjin mill-injam. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-Foresti ser ikollu bżonn monitoraġġ wara l-fażi tat-tnedija ppjanata għall-2006/2007.

Il-programm ta' l-istatistika tas-sajd ser jinkludi l-implimentazzjoni kontinwa tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluża l-istatistika dwar l-akwakultura, l-iżvilupp ta' indikaturi soċjo-ekonomiċi u ta' indikaturi ta' sostenibbiltà u l-iżvilupp ta' karti tal-bilanċ ta' forniment għall-prodotti tas-sajd. L-Eurostat għandu jsejwi l-iżviluppi fil-Politika Marittima proposta u jadatta l-programm ta' ħidma tiegħu skond kif ikun meħtieġ.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Fil-prinċipju fl-2009-2010 ser isir ċensiment agrikolu bi qbil ma' l-atti ġuridiċi kif ukoll sħarriġ li jsir kull għaxar snin dwar id-dwieli. Ir-riżultati ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli ta' l-2007 ser ikunu disponibbli fl-2008 (kif ser ikunu wkoll disponibbli r-riżultati ta' l-istħarriġ dwar is-siġar tal-frott ta' l-2007).
- Ser jitwettqu sħarriġ dwar il-metodi tal-produzzjoni agrikola, l-użu ta' l-art, l-użu ta' l-elementi produttivi u l-biedja organika bi qbil ma' l-atti legali;
- L-istħarriġ attwali dwar l-uċuh tar-raba' u l-produzzjonijiet mill-annimali ser isiru skond l-atti legali riveduti, li se jkunu mmirati lejn l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u lejn it-tnaqqis tal-piż ta' rispons.
- L-istudju ta' fattibbiltà attwali dwar id-dħul tas-settur tal-familji agrikoli ser jiġi evalwat.

- L-indikaturi ta' l-iżvilupp rurali u agri-ambjentali ser jiġu żviluppati u jkunu disponibbli.
- Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-iżvilupp ta' sistema aktar effiċjenti għall-għbir u l-validazzjoni ta' l-istatistika agrikola.
- Ser tkun miġbura u mnedija informazzjoni statistika ġdida għall-gwida tal-Politika Marittima proposta li preżentement qiegħda tiġi abbozzata mill-Kummissjoni.

TITOLU III

MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI, TAS-SERVIZZI U TAL-KAPITAL ⁽¹⁾

Il-qafas legali

Il-moviment liberu ta' kapital u servizzi huma kruċjali għal suq intern ta' l-UE. Dawn jappartjenu għall-hekk imsejħa "libertajiet fundamentali" li huma ċentrali għas-suq intern. Bħala l-entità responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tajba u f'waqtha tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE li jirregolaw il-libertà ta' movimenti ta' kapital u servizzi, il-Kummissjoni tirrikjedi informazzjoni statistika affidabbli u kumparabbli.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jirregolaw il-libertà ta' movimenti ta' kapital huma mdaħħla fl-Artikoli 56 KE sa 60 KE tat-Trattat KE. Il-libertà ta' forniment ta' servizzi trans-konfini hija mniżżla fl-Artikolu 49 ta' l-istess Trattat.

L-atti legali li jkopru l-oqsma statistiċi rilevanti huma: ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 184/2005; id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1608/2003/KE tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ⁽²⁾; ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin ⁽³⁾; proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tan-Negozju Strutturali.

Is-sitwazzjoni attwali

L-importanza li dejjem tikber tal-moviment liberu ta' servizzi u kapital twassal għal domanda li dejjem qed tiżdied għal statistika ta' kwalità għolja. L-isfida hija li tiġi ppubblikata data rilevanti f'waqtha u li tiġi adattata s-sistema għal-rekwiżiti li qed jinbidlu ta' dawk li jfasslu l-politika, filwaqt li jinżamm livell baxx ta' piż fuq dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ.

Mill-2006, l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Bilanċ tal-Ħlasijiet ser ittejjeb il-kwalità tad-data dwar il-kummerċ f'servizzi u investimenti diretti. Minbarra dan, l-istatistika dwar affiljati barranin ser tippermetti l-kejl tal-globalizzazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni. L-istatistika prodotta tkompli tkopri kemm il-kummerċ ta' barra l-UE kif ukoll ta' ġewwa l-UE u b'hekk ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-suq intern.

L-importanza li dejjem tikber ta' intrapriżi multinazzjonali ser tirrikjedi forom ġodda ta' għbir ta' data. Ir-Regolament il-ġdid dwar ir-reġistri tan-negozju jinkludi t-trasmissjoni ta' data individwali dwar gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali lill-Eurostat u osservazzjonijiet ta' informazzjoni armonizzata lill-Istati Membri li jwasslu għal reġistru Komunitarju ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (EuroGruppi), li ser ikun implimentat bis-sħiħ mill-2008 'l quddiem.

Il-produzzjoni regolari ta' statistika ta' kwalità għolja dwar is-servizzi postali hija essenzjali għal min ifassal il-politika Ewropea, għar-regolaturi nazzjonali u għall-operaturi postali, biex tgħin l-evoluzzjoni lejn suq postali miftuħ u lil hinn minn dan. Il-modalitajiet tal-għbir tad-data ser ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-proġett esperiment li sar fl-2006 biex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-data.

L-internazzjonalizzazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D), u tar-riżorsi umani marbuta magħha, hija kruċjali għall-prestazzjoni ta' l-ekonomija Ewropea. Għalhekk huwa importanti li tinġabar data dwar l-R&Ż fil-kuntest tal-bilanċ tal-ħlasijiet, statistiċi tan-negozju ta' affiljati barranin u l-miżuri għal intrapriżi multinazzjonali.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Il-klassifikazzjoni tan-NACE Rev. 2 ta' l-attivitajiet ekonomiċi, b'analiżi aktar dettaljata tas-servizzi, ser tkun applikata fl-oqsma kollha rilevanti;

⁽¹⁾ Il-moviment liberu tal-persuni huwa indirizzat fit-Titolu IV.

⁽²⁾ ĠU L 230, 16.9.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17.

- L-implimentazzjoni u l-aġġornar ta' leġislazzjoni ewlenija (bilanċ tal-ħlasijiet, kummerċ internazzjonali f'servizzi, investment dirett barrani u affiljati barrani) ser jiġu żgurati;
- Ser jitfittex li jsir titjib fil-kejl ta' l-internazzjonalizzazzjoni ta' l-R&D;
- Ser titkompla l-ħidma dwar l-istatistika dwar il-permessi ta' residenza – inklużi dawk għaċ-ċittadini ta' l-UE u dawk għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi – sakemm jibqa' jkun hemm ħtiġijiet ta' politika Komunitarja għal dan it-tip ta' data.

TITOLU IV

VIŻI, ASIL, IMMIGRAZZJONI U POLITIKA OĦRA RELATATA MAL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI ⁽¹⁾**Il-qafas legali**

L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-asil, u dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, safejn meħtieġ għall-prestazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Komunità, ser tiżviluppa biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu ta' statistika li tkun tappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex jiġi implimentat il-programm ta' l-Aja dwar kwistjonijiet ta' Ġustizzja, Libertà u Sigurtà. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi proposti għall-ġestjoni ta' flussi migratorji, l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' migranti, il-kontrolli fil-fruntieri, l-asil u t-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' azzjoni komuni kontra l-kriminalità, b'mod speċjali l-kriminalità organizzata. Ser ikunu meħtieġa żidiet sostanzjali fid-disponibbiltà u l-kwalità ta' l-istatistika b'appoġġ għal dawn il-miżuri. Dan huwa partikolarment il-każ għall-implimentazzjoni ta' l-erba' Fondi l-ġodda proposti fil-programm kwadru dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perijodu 2007-2013. Dawn l-iżviluppi ser jibdw qabel l-2008 imma ser ikomplu matul il-ħajja kollha ta' dan il-programm statistiku u anke wara.

Is-sitwazzjoni attwali

L-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-asil hija attwalment suġġetta għal problemi serji ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* u ta' armonizzazzjoni fqira. Miżuri biex jintgħelbu dawn id-dgħufijiet huma għaddejjin u ser ikomplu matul il-perijodu kollu tal-programm. Dan it-titjib għandu jkun imbuttat mill-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida għall-istatistika Komunitarja dwar l-immigrazzjoni u l-asil matul l-ewwel snin ta' dan il-programm. Il-potenzjal fil-qasam ta' l-istatistika dwar il-kriminalità ser jiġi esplorat aktar skond il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE 2006-2010 dwar l-iżvilupp ta' qafas koerenti u komprensiv għall-kejl tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali. Ser jiġu esplorati l-fattibbiltà u r-rakkoman-dabbiltà ta' l-introduzzjoni ta' bażi legali għal din l-istatistika.

B'riconossiment tad-differenzi kbar fis-sistemi statistiċi u amministrattivi nazzjonali fir-rigward tal-migrazzjoni u l-asil u tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, il-miżuri għat-titjib tal-komparabbiltà ta' l-istatistika ser ikunu kkonċentrati fuq l-armonizzazzjoni tal-produzzjoni statistika aktar milli fuq l-introduzzjoni ta' sorsi ta' *data* u ta' proċeduri komuni. Madankollu, f'xi każijiet (bħal fil-każ ta' statistika dwar il-kriminalità organizzata) jista' jkun hemm bżonn li jiġu żviluppati sorsi ta' *data* ġdida.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Ser titlesta l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni għall-istatistika Komunitarja fuq il-migrazzjoni u l-asil. Din ser tipprovi qafas għal miżuri kontinwi biex jissaħħu d-disponibbiltà, il-komparabbiltà, il-prontezza u r-rilevanza politika ta' din l-istatistika.
- Ser tiġi żviluppata statistika li tipprovi informazzjoni soċjo-ekonomika dwar il-popolazzjonijiet migranti u mqassma skond is-sess, fejn xieraq, inkluża l-implimentazzjoni ta' moduli *ad hoc* fl-Istħarriġ dwar il-Popolazzjoni fis-Settur tax-Xogħol u l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-immigranti bħala parti mill-Programm taċ-Ċensiment Komunitarju ta' l-2011.
- Ser titkompla r-riċerka attwali mwettqa fil-potenzjal għall-istatistika Komunitarja dwar il-kriminalità (inkluża l-kriminalità organizzata), il-vittimizzazzjoni u l-ġustizzja kriminali.

⁽¹⁾ L-adozzjoni ta' miżuri fil-qasam tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali mhijiex prevista fit-Titolu IV tat-Trattat KE imma hija parti mit-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri huma inklużi taħt it-Titolu VI ta' dan id-dokument għaliex kemm il-politika dwar il-migrazzjoni kif ukoll il-koperazzjoni bejn il-pulizija jew dik ġudizzjarja huma koperti mis-settur tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

TITOLU V

TRASPORT

Il-qafas legali

Il-politika tat-trasport ta' l-UE żviluppat b'mod imgħaġġel matul dawn l-aħħar 15-il sena. L-oġġettiv tagħha ġie definit fil-White Papers dwar it-trasport ta' l-1992 u l-2001, u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2006, "Inżommu lill-Ewropa mobbli – Mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna". Ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-"Kummissjoni Ewropea tal-White Paper dwar it-Trasport ta' l-2001". L-għan ta' din il-politika hija l-ottimizzazzjoni tas-sistema tat-trasport, li tagħti lok għal prestazzjoni effiċjenti, kompetittiva, bla periklu, sigura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent ta' modi ta' trasport individwali u t-taħlitiet tagħhom f'katini intermodali ta' trasport. Huwa meħtieġ trasport aktar nadif u aktar effiċjenti biex il-mobbiltà li dejjem qed tikber tinqata' mill-effetti sekondarji negattivi tagħha. Il-politika ta' l-Unjoni dwar it-trasport hija fil-qalba ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE u l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi.

Is-sitwazzjoni attwali

L-istatistika Komunitarja dwar it-trasport timmira li tkun sistema ta' informazzjoni dwar it-trasport komprensiva, li tinkludi data dwar flussi ta' passiġġieri u merkanzija, traffiku, infrastruttura, modi ta' trasport, tagħmir, mobbiltà personali, sigurtà, sikurezza, konsum ta' l-enerġija u impatt ambjentali, spejjeż ta' trasport, investimenti f'infrastruttura, intrapriżi tat-trasport, u indikaturi ta' żvilupp strutturali u sostenibbli.

Il-kopertura ta' statistika dwar flussi ta' passiġġieri u merkanzija u dwar it-traffiku hija tajba għall-modi kollha ta' trasport ħlief għat-trasport ta' passiġġieri bit-triq u għall-modi mhux motorizzati. Barra dan, preżentement l-istatistika dwar it-traffiku għall-modi kollha ta' trasport jonqosha data importanti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konġestjoni, l-emissjonijiet fl-arja u impatti ambjentali negattivi ulterjuri. L-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija għadha prinċipalment iffukata fuq modi singoli ta' trasport u ma tippovdix informazzjoni suffiċjenti dwar sistemi ta' trasport intermodali.

Attwalment hemm nuqqas ta' indikaturi li jieħdu kont tal-kondizzjonijiet li fil-fatt qed jaffettwaw il-kompetizzjoni intermodali u intra-modal, b'mod partikolari fir-rigward tad-diversi aspetti ta' kondizzjonijiet operattivi: taxxi, użu tar-rati ta' tariffa, spejjeż tas-salarji u tariffi.

Bħalissa s-sistema ta' informazzjoni dwar it-trasport jonqosha informazzjoni dwar l-investment u l-ispejjeż fl-infrastruttura tat-trasport kif ukoll informazzjoni spazjalment diżaggregata dwar netwerks u flussi tat-trasport, b'rabtiet bejn rappreżentazzjoni ġeografika tan-netwerk tat-traffiku u d-data miġbura dwar in-netwerk, li hija meħtieġa għall-appoġġ ta' l-investment fl-infrastruttura tat-trasport Ewropea u l-politika reġjonali Komunitarja.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Ser titlesta u tkun konsolidata l-kopertura tal-bażijiet legali għall-istatistika Komunitarja dwar it-trasport mifruxa fuq il-modi kollha tat-trasport. Il-ħidma li tinsab għaddejja dwar il-produzzjoni ta' indikaturi ta' qasma modali fir-rigward ta' trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija għandha tiġi żviluppata ulterjorment. Għandu jsir enfasi speċjali fuq it-trasport tal-passiġġieri bit-triq.
- Ser ssir promozzjoni tal-ġbir ta' statistika addizzjonali dwar il-katini intermodali tat-trasport, it-trasport urban kif ukoll il-produzzjoni ta' l-indikaturi meħtieġa għall-monitoraġġ ta' l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ambjentali u dwar is-sigurtà b'kunsiderazzjoni dovuta meħuda tal-piż ta' l-ispejjeż u l-aspetti ta' benefiċċju. Għandu jkun rivedut il-ġbir ta' data dwar in-nefqa u l-ispejjeż ta' l-investment fl-infrastruttura. Jeħtieġ li jittieħed kont ukoll tal-ħtieġa ta' indikaturi ta' prestazzjoni loġistika. Għandu jsir enfasi speċjali fuq il-ġbir ta' data dwar it-traffiku espressa f'termini ta' vetturi-kilometri.
- Ser jiġu żviluppati indikaturi għall-analiżi tal-kompetittività tas-settur tat-trasport u tal-kompetizzjoni kemm intra-modal kif ukoll inter-modal, għandha tinġabar id-data rilevanti u għandhom jixxerdu r-riżultati fil-forma xierqa.

TITOLU VI

REGOLI KOMUNI GĦALL-KOMPETIZZJONI, IT-TASSAZZJONI U L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJET

L-ebda programm statistiku dirett ma hu meħtieġ. L-informazzjoni statistika għal dan it-titolu hija meħuda skond il-ħtieġa minn data u indikaturi ġenerati għal titoli oħra fil-programm.

TITOLU VII

POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA**Il-qafas legali**

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE: l-Artikolu 99 (koordinazzjoni u sorveljanza tal-politika komuni); l-Artikolu 104 (monitoraġġ ta' żviluppi fiskali); l-Artikolu 105 (politika monetarja u stabbiltà tal-prezzijiet); l-Artikolu 133 (politika komuni kummerċjali); l-Artikolu 269 (riżorsi proprji).

Regolamenti ewlenin: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u regionali fil-Komunità ⁽¹⁾ (ESA95); ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul tal-prodott gross nazzjonali skond il-prezzijiet tas-suq (Regolament GNI) ⁽²⁾; id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar l-Applikazzjoni tal-protokoll dwar il-proċedura dwar l-iżbilanċ eċċessiv, anness mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ⁽⁴⁾; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur ⁽⁵⁾; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-istatistiċi għal perijodu qasir ⁽⁶⁾; ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 184/2005; Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 ta' l-22 ta' Marzu 2004 li jemenda ir-Regolamenti tal-Persunal għal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjoni ta' Xogħol ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁷⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

Is-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika makro-ekonomika fl-UE, il-mod kif titmexxa l-politika monetarja fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, kif ukoll il-politika strutturali Komunitarja, jirrikjedu rfid statistiku b'saħħtu. Barra dan, il-proviżjoni ta' statistika għall-finijiet amministrattivi ta' l-UE hija ta' l-akbar importanza.

L-Eurostat u l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li jkun implimentat b'suċċess il-programm tat-trasmissjoni tad-data dwar is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet. Din id-data hija element prinċipali għaċ-ċiklu tan-negozju u l-analiżi strutturali. Ser isir sforz sinifikanti biex jittejjeb il-kejl tal-produttività, stimolat mill-proġett EU KLEMS.

Il-proviżjoni ta' l-istatistika għall-finijiet amministrattivi ta' l-UE tibqa' ta' l-akbar importanza. Din tinkludi l-proviżjoni ta' data dwar il-GNI u t-taxxa fuq il-valur miżjud għall-kalkoli tar-riżorsi proprji, data makroekonomika meħtieġa b'appoġġ tal-politika strutturali (b'mod partikolari l-Paritajiet ta' Poter ta' Akkwist), u data meħtieġa għas-salarji u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali ta' l-UE.

L-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tad-data użata għas-sorveljanza baġitarja u fiskali ser ikunu miżmuma taħt revizzjoni regolament sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikunu pprovduti bi strumenti statistiċi kumparabbli u ta' kwalità għolja b'appoġġ ta' konklużjonijiet tajba dwar is-sitwazzjoni f'kull Stat Membru.

Matul dawn l-aħħar snin il-ħeffa fl-iżvilupp ta' l-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsum (IAPK) naqset fil-veloċità u t-titjib fil-kwalità ta' l-IAPK jeħtieġ li jkun segwit b'mod aktar vigoruż (partikolarment fir-rigward tad-djar abitati minn sidhom, l-aġġustament tal-kwalità u t-teħid ta' kampjuni).

Huwa meħtieġ titjib kontinwu tal-prontezza, il-kopertura u t-tixrid ta' l-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP). Dan għandu jkun proporzjonat mar-riskji għall-kwalità statistika b'mod partikolari fir-rigward ta' l-affidabbiltà ta' stimuli bikrin. Għal dik li hija statistika ta' perijodu qasir (SPQ), huwa meħtieġ titjib fil-koperatura tas-servizzi, speċjalment il-prezzijiet tal-produzzjoni tas-servizzi, id-durata ta' time series u l-prontezza tad-data.

Fir-rigward ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-ħlasijiet, l-isfidi attwali jinkludu l-proviżjoni ta' kontribut xieraq għall-kontijiet nazzjonali, u l-iżgurar li d-data mis-sors tibqa' tkun ta' kwalità fl-Istati Membri fejn il-limiti massimi ta' rappurtar mill-banek qegħdin jiġu mgħollija.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

— Parteċipazzjoni attiva fir-reviżjoni ta' l-istandards internazzjonali għall-kontijiet nazzjonali (SNA93) u l-istatistika tal-bilanċ tal-ħlasijiet (BPM5).

⁽¹⁾ ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2103/2005, (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽⁶⁾ ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1.

- Reviżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA95).
- Implimentazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi taħt in-NACE Rev. 2 fil-kontijiet nazzjonali, il-bilanċ tal-ħlasijiet u l-istatistika ta' perijodu qasir u ta' leġiżlazzjoni oħra ewlenija.
- Stabbiliment ta' sistema Ewropea ta' statistika dwar il-prezzijiet tal-konsumatur iċċentrata madwar l-IAPK, għas-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-qafas legali ta' l-IAPK, u l-iżgurar tal-kredibbiltà ta' l-IAPK permezz ta' politika tal-komunikazzjoni u strateġija ta' konformità aktar effettivi.
- Titjib tal-koerenza bejn l-istatistika dwar is-suq tax-xogħol u l-Kontijiet Nazzjonali.

TITOLU VIII

IMPJIEG

Il-qafas legali

L-iżviluppi fl-istatistika ta' l-UE dwar ix-xogħol ser jiġu stimulati mill-istrateġija riveduta ta' Liżbona li issa għet iffukata mill-ġdid fuq it-tkabbir u l-impjieg fl-Ewropa, il-miri u l-punti ta' referenza stabbiliti fil-qafas ta' l-istrateġija Ewropea għall-impjieg u l-unjoni ekonomika u monetarja li tirrikjedi sett komprensiv ta' statistika infra-annwali biex jiġu definiti l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol fiż-żona ta' l-ewro u fl-UE.

Is-sitwazzjoni attwali

L-istatistika dwar is-suq tax-xogħol hija rregolata minn qafas legali b'saħħtu sabiex tkun żgurata it-trasmissjoni regolari ta' *data* għall-istima ta' l-impjieg, il-qgħad, il-pagi u n-nefqa fuq l-impjieg. Minkejja dan, setturi politiċi ġodda ser ikunu jeħtieġu l-estenzjoni tal-leġiżlazzjoni statistika għal oqsma oħra bħal ma huma

- (i) l-istatistika dwar postijiet battala, li tivvaluta l-aspett tad-domanda tas-suq tax-xogħol u tikkumplementa l-istatistika dwar l-impjieg u l-qgħad;
- (ii) is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti u l-promozzjoni ta' integrazzjoni aħjar ta' din il-popolazzjoni;
- (iii) is-sitwazzjoni tal-ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol; u
- (iv) it-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol u l-irfid ta' politika xierqa li tiżgura l-inkorporazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol mingħajr diffikultajiet.

Setturi oħra bħal ma huma l-kwalità fix-xogħol u l-impjieg fil-kuntest ta' popolazzjoni tas-settur tax-xogħol li qed tixxjeh, l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi kif ukoll ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol tas-soċjetà ta' l-informazzjoni ser ikomplu jiffukaw l-attenzjoni fuq l-iżvilupp ta' l-istatistika.

L-istatistika dwar l-impjieg u n-nuqqas ta' l-impjieg hija prinċipalment imfassla biex tissodisfa r-rekwiżiti makro-ekonomiċi. B'dan il-mod hija tonqos li tiegħu kont sħiħ tad-disparitajiet reġjonali eżistenti, b'mod partikolari f'ċerti oqsma urbani.

It-titjib fl-istħarriġ Komunitarju dwar il-popolazzjoni tas-settur tax-xogħol (LFS) li sar matul dawn l-aħħar snin jagħmel dan l-istħarriġ u l-moduli annwali tiegħu l-aqwa sors għall-produzzjoni ta' *data* kumparabbli dwar is-suq tax-xogħol. L-LFS huwa sħarriġ ibbażat fuq il-familji u r-riżultati tiegħu jridu jkun kumplimentati b'*data* bbażata fuq l-intrapriżi, bħal ma hi l-istatistika strutturali u l-istatistika ta' perijodu qasir dwar il-pagi u l-ispiża tax-xogħol. Madankollu għad fadal żviluppi ulterjuri meħtieġa fl-istatistika dwar is-suq tax-xogħol relatati mat-titjib fil-kwalità bħal ma huma l-ksib ta' koerenza akbar mad-*data* dwar l-impjieg mill-kontijiet nazzjonali u minn sħarriġ ieħor fl-oqsma tan-negozju u l-agrikoltura u l-introduzzjoni ta' skemi Ewropej ta' teħid ta' kampjuni u stimi każwali biex tittejjeb il-prontezza fit-tixrid ta' l-indikaturi. Għandhom isiru wkoll sforzi biex jiġu analizzati fil-fond is-sorsi tad-*data* eżistenti, sabiex jittejjeb it-tixrid ta' *data* individwali anonimizzata, miġbura għal finijiet ta' statistika Komunitarja, lill-komunità xjentifika u sabiex fl-2011 tkun introdotta klassifikazzjoni riveduta ta' l-okkupazzjonijiet (ISCO) biex tkun riflessa aħjar l-istruttura ta' l-impjieg u jkun possibbli titjib fl-ipparagunar internazzjonali.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Ser ikunu definiti u implimentati l-modulu *ad hoc* ta' l-LFS għall-2008 dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fir-rigward tal-migranti u d-dixxendenti tagħhom, il-modulu *ad hoc* ta' l-LFS għall-2009 dwar it-transizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol u l-programm LFS ta' moduli *ad hoc* għall-2010-2012;

- Il-kopertura ta' l-istħarriġ strutturali dwar il-pagi u l-ispiża tax-xogħol għandha tkun estiża għall-ekonomija kollha u l-istħarriġ dwar l-ispiża tax-xogħol ta' l-2008 u l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-pagi ta' l-2010 ser ikunu implimentati;
- Jistgħu jiġu introdotti skemi Ewropej ta' teħid ta' kampjuni bbażati fuq użu akbar tad-*data* eżistenti fl-istatistika ta' perijodu qasir dwar is-suq tax-xogħol, biex tkun possibbli l-produzzjoni ta' aggregati f'waqthom trimestrali u mensili dwar l-impjieg u l-qgħad 'fiż-żona ta' l-Ewro;
- L-istatistika dwar l-impjieg u l-qgħad tista' tinkludi indikaturi reġjonali aktar iffukati, b'mod partikolari għaż-żoni urbani u l-agglomerazzjonijiet, biex jittieħed kont aktar sħiħ tal-varjazzjonijiet lokali fl-impjieg u l-qgħad. Sa l-2010 ser jiġu eżaminati l-ħtieġa u l-ispiża għal introduzzjoni possibbli ta' statistika annwali għall-agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 500 000 abitant;
- L-istatistika dwar ix-xogħol ser tippermetti li jsir monitoraġġ ta' l-impjieg fis-soċjetà ta' l-informazzjoni;
- Ir-Regolament futur tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar postijiet tax-xogħol battala ser ikun implimentat bis-sħiħ;
- Il-klassifikazzjoni taħt in-NACE Rev. 2 ta' attivitajiet ekonomiċi ser tkun introdotta fl-istħarriġ strutturali dwar il-pagi u l-ispiża tax-xogħol, l-indiċi trimestrali ta' l-ispiża tax-xogħol u l-istħarriġ kontinwu dwar il-popolazzjoni f'impjieg.

TITOLU IX

POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-qafas legali

Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għan-negozjar ta' ftehim kummerċjali ma' pajjiżi terzi inklużi l-ftehim kummerċjali dwar is-servizzi hija stabbilita fl-Artikolu 133 tat-Trattat. L-atti legali li jkopru l-oqsma statistiċi rilevanti huma: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95, tat-22 ta' Mejju 1995, dwar l-istatistika rigward il-kummerċ tal-merkanzija mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi mhux membri ⁽¹⁾; ir-Regolament (KE) Nru 184/2005; ir-Regolament (KE) Nru 716/2007.

Is-sitwazzjoni attwali

Qegħdin dejjem jiżdiedu r-rekwiżiti tad-*data* mal-wasla fix-xena dinjija ta' kompetituri u msieħba kummerċjali ġodda (bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u pajjiżi oħrajn ta' l-Amerika Latina) kif ukoll bħala konsegwenza ta' bidliet strutturali fil-qasam tal-kummerċ f'merkanzija u servizzi. Barra dan, il-ġbir, l-analiżi u l-armonizzazzjoni ta' kwalità għolja, ta' *data* minn pajjiżi kandidati u l-pajjiżi prinċipali msieħba ma' l-UE jibqgħu prijorità.

B'mod parallel, ser isiru sforzi biex jinżammu l-istandards tal-kwalità fir-rigward tal-kummerċ trans-konfini f'servizzi, l-investiment dirett barrani u l-kummerċ affiljat barrani. Għal dan il-għan ser tkun ta' l-akbar importanza l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 u tar-Regolament (KE) Nru 716/2007.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012

- Ser tiġi implimentata leġislazzjoni Extrastat ġdida bl-oġettiv prinċipali li jsiru disponibbli informazzjoni rilevanti addizzjonali u statistika kumplimentari permezz ta' l-użu ta' reġistri dwar l-operaturi kummerċjali;
- L-implimentazzjoni u l-aġġornar ta' leġislazzjoni ewlenija (bilanċ tal-ħlasijiet, kummerċ internazzjonali f'servizzi, investment dirett barrani u affiljati barranin) ser jiġu żgurati;
- L-istandards metodoloġiċi internazzjonali l-ġodda ta' l-IMF ser ikunu implimentati fil-ġbir ta' l-UE ta' l-istatistika dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet;
- L-implimentazzjoni fl-UE tal-Manwal dwar l-istatistika tal-Kummerċ Internazzjonali f'Servizzi u l-verżjoni riveduta tiegħu ser isseħħ.

⁽¹⁾ ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

TITOLU X

KOPERAZZJONI DOGANALI

L-ebda programm statistiku dirett ma hu meħtieġ. L-informazzjoni statistika għal dan it-titolu hija meħuda skond il-ħtieġa minn data u indikaturi ġenerati għal titoli oħra fil-programm.

TITOLU XI

POLITIKA SOĊJALI, EDUKAZZJONI, TAHRİĠ VOKAZZJONALI U ŻGĦAŻAGĦ**Il-qafas legali**

L-istatistiċi f'dan il-qasam se jkunu bbażati fuq il-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni (OMC) fl-oqsma ta' l-esklużjoni soċjali, il-pensjonijiet, u l-kura tas-saħħa u l-kura f'perjodu ta' żmien fit-tul; l-Istrateġija dwar Iżvilupp Sostenibbli; l-Artikoli 143 (rapport tas-sitwazzjoni soċjali) u 13 (kontra d-diskriminazzjoni) tat-Trattat tal-KE; l-Istrateġija tas-Saħħa u s-Sikurezza fil-Post tax-Xogħol; ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-2003 dwar il-promozzjoni ta' l-impjieg u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilitajiet u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-oportunitajiet ugwali għal persuni b'diżabilitajiet: Pjan ta' Azzjoni Ewropew. L-istrateġija UNECE għall-Edukazzjoni għal Żvilupp Sostenibbli titlob ukoll l-iżvilupp tad-*data*.

Is-sitwazzjoni attwali

Is-sistema ta' l-istatistiċi dwar il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u l-protezzjoni soċjali sserraħ fuq żewġ pilastri: l-ESSPROS (is-sistema ta' l-istatistiċi dwar il-protezzjoni soċjali) u l-EU-SILC (l-istatistiċi dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet l-għajxien). Dawn iż-żewġ pilastri huma l-bażi ta' l-indikaturi ta' Laeken u tal-pensjonijiet ta' l-OMC. Għad irid isir progress fl-iżvilupp ta' indikaturi dwar il-faqar reġjonali u l-faqar fost it-tfal.

Fir-rigward tal-bidliet demografiċi fl-UE, fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni u f'kollaborazzjoni mal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill ser jiġu ulterjorment żviluppati indikaturi u analiżi statistiċi relatati mal-proċess tax-xjuħija, is-sostenibbiltà finanzjarja, il-produttività u l-parteċipazzjoni fix-xogħol.

Id-*data* dwar it-tagħlim tul il-ħajja tkopri informazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali, u t-tagħlim informali. Fuq bażi ta' statistika stabbilita dwar l-edukazzjoni, inġabret *data* ġdida dwar taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi (li tkejjel l-impenn u l-kontribuzzjonijiet ta' l-intrapriżi għat-taħriġ vokazzjonali tal-ħaddiema) u dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti. Id-*data* dwar iż-żgħażaġh hija disponibbli minn sħarriġ eżistenti u dan l-isħarriġ għandu jkun sfruttat b'mod totali qabel ma jsiru sforzi ulterjuri biex id-dimensjonijiet taż-żgħażaġh ikunu integrati aħjar fl-isħarriġ eżistenti.

Fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ġbir u l-analiżi tad-*data* ser jiffukaw fuq il-kawżi, iċ-ċirkustanzi u l-ispejjeż ta' l-inċidenti fuq ix-xogħol, fuq mard ikkaġunat mix-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol, kif ukoll fuq fatturi li jistgħu jeffettwaw is-saħħa tal-ħaddiema b'mod negattiv. Il-ġbir ta' l-istatistika, b'mod partikolari moduli ta' sondaġġ armonizzati dwar id-diżabilità ser jiġi żviluppat aktar. L-istatistika ser tittejjeb aktar biex tappoġġa l-iżvilupp ta' kura tas-saħħa u kura għall-perjodu fit-tul ta' kwalità għolja, aċċessibbli u sostenibbli.

L-oġġettiv ewlieni ta' l-istatistiċi demografiċi ser ikun li dawn jipprovdu sett komprensiv ta' *data* u analiżi meħtieġa għall-ivvalutar ta' l-implikazzjonijiet ta' bidla demografika fl-Ewropa. Dan jinkiseb permezz tat-titjib tal-metodi u l-kontenut tal-ġbir tad-*data* demografika, l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni għaċ-ċensimenti li jmiss li jsiru fl-2011 dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fid-djar, u l-produzzjoni regolari ta' projezzjonijiet għat-tul dwar il-popolazzjoni.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- L-iżvilupp ta' sett limitat ta' fatturi varjabbli ċentrali u t-twaqqif ta' strument ġdid, is-Sistema Ewropea ġdida ta' Moduli ta' Sħarriġ Statistiku Soċjali (E4SM).
- Il-konsolidament tal-proġett EU-SILC, l-iżvilupp tat-tixrid lonġitudinali u l-attwazzjoni sħiħa tal-kunċett tad-dħul gross.
- L-iżvilupp ta' indikaturi dwar il-faqar reġjonali (bl-użu ta' tekniki ta' stima ta' żona żgħira fejn id-*data* reġjonali nazzjonali ma tkunx disponibbli) u l-faqar fost it-tfal.
- L-iżvilupp tar-Regolamenti implimentattivi dwar l-ESSPROS biex jittejjbu l-kopertura, il-komparabbiltà u l-prontezza tad-*data*.
- L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proposta għar-Regolament dwar l-Istatistika dwar l-Edukazzjoni u t-Tagħlim Tul il-ħajja.

- It-titjib tal-qafas ta' l-istatistika dwar tagħlim tul il-ħajja eżistenti f'termini ta' kwalità.
- Sa l-2010, tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġi implimentat l-Indiċi ta' Żvilupp tal-Bniedem tan-NU fl-UE b'kont meħud tal-fatturi tad-djar u wkoll dawk ta' l-impjiegi/tal-qgħad.
- L-istatistika dwar iż-żgħażaġħ fil-livelli edukattivi kollha u dwar l-integrazzjoni ekonomika u soċjali taż-żgħażaġħ tinġabar suċċessivament bl-użu ta' sorsi eżistenti u, fejn meħtieġ, bl-integrazzjoni aħjar tagħha f'sondaġġi eżistenti.
- L-istatistiċi dwar it-tfal b'referenza għal-limitu li sar qbil dwaru internazzjonalment ta' l-età tat-tfulija li hu ta' 18-il sena, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jinġabru fir-rigward tas-sitwazzjoni soċjali ta' u l-faqar fost it-tfal.
- Id-data soċjali kollha miġbura dwar l-individwi fil-livell ta' l-UE tiġi diżaggregata skond is-sess u jiġi definit sett ta' indikaturi prinċipali dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.
- Jitfassal memorandum ta' intendiment f'koperazzjoni ma' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jiġu definiti l-modalitajiet ta' koperazzjoni prattiċi.
- Jiġu esplorati possibiltajiet għall-iżvilupp ta' metodoloġija komuni biex tinkiseb jew titjib d-data statistika eżistenti dwar il-medda u l-impatt tad-diskriminazzjoni.

TITOLU XII

KULTURA

F'dan l-istadju, il-produzzjoni ta' statistiċi Kulturali hija limitata. Addizzjonalment, la jeżisti qafas komprensiv u koerenti u lanqas leġiżlazzjoni separata dwar l-istatistika kulturali.

Fid-dawl tal-kontribuzzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għall-kisbiet ta' l-oġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, jeħtieġ ukoll li jiġu konsolidati statistiċi kulturali fil-kisba ta' produzzjoni ta' data regolari u konsistenti (bbażata fuq sorsi varji ta' data). Għalhekk, ħidma komprensiva u metodoloġika hi meħtieġa għal p.e. kejl aħjar ta' l-impatt soċjali u ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

TITOLU XIII

SAĦĦA PUBBLIKA

Il-qafas legali

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol ⁽¹⁾; id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, li tadotta programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2007) ⁽²⁾; il-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2007 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiċi tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol.

Is-sitwazzjoni attwali

Is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa, stabbilita skond programmi tal-Komunità preċedenti dwar is-saħħa pubblika, se tkun żviluppata aktar permezz ta' azzjonijiet dwar "għarfien u informazzjoni dwar is-saħħa" skond il-programm li jmiss ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika 2007-2013. B'partenarjat mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-Pajjiżi Kandidati u l-pajjiżi ta' l-EEA/EFTA permezz ta' l-SSE, il-Eurostat se tiżviluppa aktar l-element ta' statistika ta' din is-sistema, b'mod partikulari għall-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea.

Id-data statistika dwar is-saħħa pubblika hi meħtieġa wkoll għal indikaturi ta' żvilupp sostenibbli, indikaturi strutturali, indikaturi kontestwali dwar id-diżabbiltà u indikaturi żviluppati fil-kuntest tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-appoġġ ta' strateġiji nazzjonali għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli u sostenibbli u ta' kura fit-tul.

⁽¹⁾ ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).

⁽²⁾ ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).

Fkooperazzjoni ma' l-attivitajiet taħt il-programm Komunitarju tas-saħħa pubblika, ma' l-aġenziji rilevanti ta' l-UE u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam ta' l-istatistika dwar is-saħħa pubblika (WHO, OECD u UNECE), l-attenzjoni hija fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-metodoloġija, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-istatus tas-saħħa, id-determinanti tas-saħħa (bħal ma huma l-istil tal-ħajja u fatturi ambjentali), il-kura tas-saħħa (inklużi l-ispejjeż għas-saħħa) u l-kawżi ta' l-imwiet.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Fejn hu possibbli, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni ser jiġu adottati għall-implimentazzjoni tar-Regolament futur tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
- Ser tkun rinfurzata l-infrastruttura għas-sistema bażika ta' l-istatistika dwar is-saħħa pubblika, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-eżami, il-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni tal-metodoloġiji rilevanti, bħal ma huma l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' l-Intervisti (EHIS) u s-Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa (SHA).
- Id-disponibbiltà, il-komparabbiltà, il-prontezza u r-rilevanza politika ta' l-istatistika dwar id-diżabbiltà u l-kura tas-saħħa, maqsuma skond is-sess –għandhom jitejbu b'attenzjoni speċifika lill-iżvilupp metodoloġiku ulterjuri u b'kont meħud tal-kuntesti differenti f'kull pajjiż.

TITOLU XIV

PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

Il-qafas legali

Il-politika tal-konsumatur kisbet profil ferm oġġa matul dawn l-aħħar snin (l-Artikolu 153 tat-Trattat). Il-ħidma ta' l-Eurostat ser isserraħ fuq l-Istrateġija għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u fuq il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li toħloq il-Programm għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa u l-protezzjoni tal-Konsumatur għall-2007-2013, adottata mill-Kummissjoni f'April 2005.

Il-qasam wiesa' tal-"protezzjoni tal-konsumatur" jinqasam f'żewġ oqsma ewlenin: "il-kwistjonijiet li jirrigwardaw lill-konsumaturi" u "is-sigurtà ta' l-ikel".

Is-sitwazzjoni attwali

Fir-rigward tal-kwistjonijiet li jirrigwardaw lill-konsumaturi, l-Eurostat qed jipproduċi fuq bażi annwali pubblikazzjoni ta' panorama "Il-Konsumaturi fl-Ewropa: fatti u figuri" u stabbilixxa Task Force bejn is-servizzi dwar statistika dwar prezzijiet dettaljati.

Is-sigurtà ta' l-ikel hija tema importanti fil-kuntest tal-politika tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-Unjoni Ewropea żviluppat firxa wiesgħa ta' azzjonijiet leġislattivi u azzjonijiet oħrajn maħsuba biex jiggwarantixxu sistemi ta' kontroll effettivi fuq il-katina kollha ta' l-ikel, inklużi standards stabbiliti b'mod legali għall-ambjent u l-benessri ta' l-annimali.

L-għan ta' l-isforz ta' l-Eurostat għal statistika dwar is-sigurtà ta' l-ikel huwa li jipprovdi parir metodoloġiku u data statistika ta' interess mhux biss għal dawk li jfasslu l-politika anki għall-partijiet interessati privati u l-pubbliku ġenerali.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012 (kwistjonijiet li jirrigwardaw lill-konsumaturi):

- L-iżvilupp ta' statistika uffiċjali "rġidi" (per eżempju, prezzijiet dettaljati, nefqa tal-konsum trans konfini, negozju għall-konsumatur, eċċ.) u għajjnuna metodoloġika għal statistika "moderata" żviluppata minn korpi pubbliċi/privati oħrajn.
- It-tħejija ta' pjani ta' azzjoni li jsegwi l-konklużjonijiet tat-task force bejn is-servizzi għall-istatistika dwar prezzijiet dettaljati.
- It-tnedija ta' studju dettaljat dwar il-possibbiltà ta' modulu dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur li għandu jkun inkluż fl-istrument il-ġdid (E4SM) li preżentement qed jiġi żviluppata mill-Eurostat.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012 (sigurtà ta' l-ikel):

- L-iżvilupp ta' l-istatistika rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà ta' l-ikel ser jitkompla.

- Ser jittejjbu d-disponibbiltà u l-kwalità ta' l-istatistika fuq prodotti ttikkettati (prodotti organiċi, prodotti bbażati fuq organiżmi modifikati ġenetikament, eċċ.).

TITOLU XV

NETWORKS TRANŻEWROPEJ

L-ebda programm statistiku dirett m' hu meħtieġ. L-informazzjoni statistika għal dan it-titolu hija meħuda skond il-ħtieġa minn *data* u indikaturi ġenerati għal titoli oħra fil-programm.

TITOLU XVI

INDUSTRIJA

Statistika tan-negozju

L-istatistika fuq in-negozju Ewropew hija meħtieġa biex tappoġġja l-analiżi tal-kompetittività, il-produttività u t-tkabbir u tiffirma informazzjoni ewlenija għall-monitoraġġ tal-progress ta' l-oġġettivi riveduti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.

Il-qafas legali

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91, tad-19 ta' Diċembru 1991, dwar it-twaqqif ta' sondaġġ Komunitarju ta' produzzjoni industrijali ⁽¹⁾; Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97, ta' l-20 ta' Diċembru 1996, rigward statistiċi strutturali tan-negozju ⁽²⁾; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 48/2004, tal-5 ta' Diċembru 2003, dwar il-produzzjoni ta' statistiċi annwali tal-Komunità dwar l-industrija ta' l-azzar għas-snin ta' referenza 2003-2009 ⁽³⁾; roposta tal-Kummissjoni għal; Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 tat-13 ta' Awwissu 2004 li timplimenta d-Deċiżjoni Nu 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' statistika Komunitarja dwar l-innovazzjoni ⁽⁴⁾; Regolament (KE) Nru 716/2007; proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2005 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozju għal finijiet statistiċi;

Is-sitwazzjoni attwali

L-Istatistika Kummerċjali Strutturali tintuża għall-analiżi dettalljata tas-settur Ewropew tan-negozju. It-tħassib ewlieni ta' l-utenti huwa n-nuqqas ta' prontezza tad-data u l-fatt li l-adattament għal ħtiġijiet politiċi ġodda emerġenti jsir bil-mod, per eżempju informazzjoni insuffiċjenti dwar is-settur tas-servizzi, l-intraprenditorija, il-globalizzazzjoni u t-transizzjoni għal mudelli ta' produzzjoni sostenibbli. Fir-rigward ta' setturi speċifiċi tal-manifattura, l-istatistika tal-produzzjoni hija kompliment essenzjali biex tintfiehmed il-prestazzjoni tas-settur.

L-Istatistika Komunitarja dwar l-Innovazzjoni hija l-għodda ewlenija biex titkejjel l-innovazzjoni fl-Ewropa. Din l-istatistika hija prodotta bi frekwenza ta' tnejn annwali mill-2004 'l quddiem. Sa fejn hu possibbli huwa garantit l-aċċess għal mikro-data ta' l-Istħariġ Komunitarju dwar l-Innovazzjoni (CIS) data.

L-Istatistika dwar affiljati barranin (FATS) qed tiġi żviluppata u r-Regolament il-ġdid ser jipprovdi sett bażiku ta' fatturi varjabbli għall-kejl tal-globalizzazzjoni. Ir-reġistru Komunitarju ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (EuroGroups) kif mitlub mir-Regolament tar-Reġistru tan-Negozji jinsab f'fażi pilota.

Inizjattivi ewlenin 2008 - 2012:

- Ser tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni ewlenija (formulazzjoni mill-ġdid tar-Regolament SBS, ir-Regolament FATS, ir-reġistru ta' l-EuroGroups). Għandhom jitwettqu u jiġu evalwati studji pilota previsti fil-leġislazzjoni;
- Għas-CIS 2008 il-Manwal ta' Oslo 2005 se jiġi implimentat kompletament. Is-CIS 2010 u Sondaġġi ta' Innovazzjoni tal-Komunità sussegwenti ser itejbu aktar ukoll il-kwalità tad-data u l-aċċess tad-data;
- Ser tkun żviluppata statistika ġdida biex jiġi approfondit l-intendiment tal-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija u l-intraprenditorija;
- It-tħassib ta' l-utenti dwar il-prontezza u l-inerzja fir-rispons għall-ħtiġijiet ġodda ser ikun indirizzat permezz ta' l-ittestjar ta' metodi ġodda u flessibbli għall-għbir tad-data, permezz ta' sħarriġ ad hoc u approċċi ta' teħid ta' kampjuni Ewropej;

⁽¹⁾ ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

⁽²⁾ ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

⁽³⁾ ĠU L 7, 13.1.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

⁽⁴⁾ ĠU L 267, 14.8.2004, p. 32. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2007/KE (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 10).

- Filwaqt li jitħares id-dritt ta' l-intrapriżi li jżommu d-data tagħhom kunfidenzjali, ser ikunu żviluppati modi għar-rilaxx ta' l-aggregati Ewropej fl-aktar livell ta' attività dettaljat;
- Il-klassifikazzjoni taħt in-NACE Rev. 2 ta' l-attivitàjiet ekonomiċi ser tiġi implimentata fl-istatistika tan-negozju kollha mis-sena ta' referenza 2008 l-quddiem;
- Ser jiġi mfassal programm speċjali għall-inġinerija mill-ġdid ta' statistika dwar in-negozju u dik kummerċjali. F'dan il-programm ser jiġu żviluppati mezzi għat-tnaqqis tal-piż fuq in-negozju.

Statistika dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni

L-użu tat-Teknoloġiji ta' l-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICTs) huwa fost l-imbuttaturi ewlenin lejn soċjetà inklussiva, impjieg aħjar, u kompetittiva mteġba għall-intrapriżi Ewropej. L-istatistika ta' l-Eurostat dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni tikkostitwixxi bażi vitali għal dawk li jfasslu l-politika Ewropea biex jivvalutaw il-bidliet strutturali lejn ekonomija bbażata fuq il-konozzenza u tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi riveduti ta' Liżbona.

Il-qafas legali

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 808/2004 tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni ⁽¹⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

Għal diversi snin, l-Eurostat ikkontribwixxa għall-analizzar komparattiv tas-soċjetà ta' l-informazzjoni billi pprova indikaturi ta' l-użu ta' l-ICT kemm mill-intrapriżi kif ukoll mill-familji/individwi. Din l-attività ser titkompla u tittejjeb biex isir adattament għal esigjenzi politiċi bħall-inizjattiva i2010 bbażata fuq l-istrateġija riveduta ta' Liżbona u inizjattivi politiċi ulterjuri. Dan jinvolvi l-ħtieġa għal bażi legali adegwata wara l-iskadenza tal-leġislazzjoni attwali.

Sabiex tmur lil hinn mill-aspetti ta' rieda u użu, il-ġbir tad-data dwar l-investiment fl-ICT u dwar l-impatt ta' l-ICT fuq l-eżitu u l-imġieba tan-negozju u fuq is-soċjetà ser jikkomplementa l-istħarriġ Komunitarji li għaddejin bħalissa. Il-ħtieġijiet ta' adattament tal-bażi legali għall-istatistika dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni sabiex ikun żgurat sett ta' data komprensiv, f'waqt u kompatibbli mal-Kontinjuet Nazzjonali dwar is-setturi ta' l-ICT u l-komunikazzjoni elettronika ser jiġu evalwati.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- L-indikaturi fuq is-soċjetà ta' l-informazzjoni inklużi l-indikaturi fuq is-settur ta' l-ICT u l-kompetittività tiegħu ser ikunu adattati kontinwament skond it-tibdil tar-rekwiżiti politiċi, b'kont meħud tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-kejl ta' l-ICT;
- L-istatistika dwar l-investiment ta' l-ICT u l-adozzjoni ta' l-ICT ser tkun żviluppata sabiex tissodisfa aħjar l-oġettiv tal-kejl ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-impatt tas-soċjetà ta' l-informazzjoni.

Statistika dwar it-turiżmu

It-turiżmu huwa attività ekonomika importanti fl-Unjoni Ewropea b'potenzjal kbir li jikkontribwixxu għal aktar impjieg u tkabbir ekonomiku kif ukoll għal żvilupp u integrazzjoni soċjo-ekonomika anki f'żoni rurali, periferali jew sottożviluppati.

Il-qafas legali

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE, tat-23 ta' Novembru 1995, dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistiku fil-qasam tat-turiżmu ⁽²⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

Bħalissa, l-istatistika tinġabar dwar il-proviżjoni ta' u d-domanda għal akkomodazzjoni tat-turisti, kif ukoll dwar aspetti ekonomiċi relatati ma' l-aġir tat-turiżmu. Madankollu, jeżisti tħassib prinċipali dwar il-ksib ta' livell akbar ta' komparabilità ta' l-istatistika eżistenti eżistenti u l-istabbiliment ta' kontinjuet satellitari armonizzati tat-turiżmu minnqux fit-tħassib aktar wiesgħa dwar turiżmu sostenibbli, li għalih għandhom ser ikun bżonn jiġu definiti u mkejja l-indikaturi rilevanti. Minħabba l-impatt immedjat fuq l-industrija tat-turiżmu ta' avvenimenti bħal attacchi terroristiċi jew it-tifrix ta' mard li jittieħed, tħassib prinċipali se jkun it-titjib tal-prontezza tad-data.

⁽¹⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

⁽²⁾ ĠU L 291, 6.12.1995, p. 32. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/110/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 418).

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Is-sett attwali ta' statistiċi tat-turiżmu u l-bażi legali tiegħu għandu jkun modernizzat u, fejn possibbli, simplifikat.
- Kontinwazzjoni tat-Turiżmu armonizzati għandhom jiġu implimentati (inklużi indikaturi għal turiżmu sostenibbli).

Statistika dwar l-enerġija

Il-forniment garantit ta' komoditajiet ta' l-enerġija bi prezz raġonevoli b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent jikkostitwixxi s-sustanza tal-politika ta' l-enerġija ta' l-UE. Is-Sistema Statistika dwar l-Enerġija kienet żviluppata bi tveġiba għal-rekwiżiti li nħolqu minn din il-politika.

Il-qafas legali

Is-Sistema Statistika dwar l-Enerġija hija bbażata fil-biċċa l-kbira tagħha fuq ftehim. Jeżistu ċerti obbligi legali li jkopru aspetti speċifiċi tas-sistema, lil hinn mid-Direttiva 90/377/KEE tad-29 ta' Ġunju 1990 dwar proċedura Komunitarja biex tittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet tal-gass u l-elettriku li jħallsu l-utenti finali industrijali ⁽¹⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

Matul dawn l-aħħar ftit snin, is-swieq taż-żejt saru volatili u imprevedibbli filwaqt li l-prezzijiet laħqu livelli għoljin. Fl-UE d-domanda għall-enerġija qed tiżdied u b'hekk titfa' dubji fuq il-kapaċità li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra filwaqt li s-swieq ta' l-elettriku/tal-gass ta' l-UE għadhom ma żviluppawx f'suq intern kompetittiv u reali. F'dan l-ambjent politiku, il-Kummissjoni - bi tveġiba għall-istedina tal-Kaprijiet ta' Stat u Gvern fl-2005 - irreaġixxiet b'serje ta' proposti (Green Paper: Strateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sigura), bħall-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew tal-Provvista ta' l-Enerġija biex jimmonitorja x-xejriet ta' domanda u provvista tas-swieq ta' l-enerġija ta' l-UE, Direttiva Komunitarja ġdida dwar it-tisħin u t-tkessi, monitoraġġ/definizzjoni tal-mira lil hinn mill-2010 dwar sorsi ta' enerġija rinnovabbli (inklużi elettriku u bijofjuwils likwidi) u l-monitoraġġ ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-użu aħħar ta' sorsi ta' l-enerġija.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- L-adozzjoni ta' Regolament dwar l-Istatistika dwar l-Enerġija li jkopri r-rekwiżiti attwali biex b'hekk tittejjeb il-kwalità.
- L-introduzzjoni ta' obbligu legali biex tinġabar statistika dwar il-prezzijiet ta' l-elettriku u l-gass li jħallsu l-familji.
- It-twaqqif ta' metodoloġija/approċċ biex ikunu identifikati l-pajjiżi ta' orijini nfushom; (destinazzjoni) għal importazzjonijiet tal-gass (esportazzjonijiet).
- It-titjib fil-metodoloġija/nomenklaturi għall-ġbir ta' statistika dwar il-bijofjuwils likwidi.
- Id-definizzjoni ta' indikaturi/ġbir ta' data li tivvaluta l-effiċjenza ta' l-enerġija kif previst fid-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija ⁽²⁾.
- L-estensjoni, jekk meħtieġ, ta' indikaturi tal-kompetizzjoni għall-invalutar ta' l-effettività tal-kompetizzjoni u l-integrazzjoni tas-swieq tal-gass/tal-elettriku.

TITOLU XVII

KOEŻJONI EKONOMIKA U SOĊJALI

Il-qafas legali

Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar it-twaqqif ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ⁽³⁾, id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni spazjali fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 185, 17.7.1990, p. 16. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE (ĠU L 148, 9.6.2007, p. 11).

⁽²⁾ ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

⁽³⁾ ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 105/2007 tal-Kummissjoni (ĠU L 39, 10.2.2007, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

Is-sitwazzjoni attwali

Qed tinġabar *data* statistika reġjonali għal madwar tużżana setturi statistiċi wiesgħa, li wħud minnhom huma koperti minn att legali filwaqt li oħrajn huma regolati minn ftehim. Tipikament, id-data tintbagħat fuq bażi kontinwa lill-Eurostat. Id-data urbana għall-verifika Urbana tinġabar kull 3 snin u dan ilu jsir mill-2003 ⁽¹⁾ hawn.

L-Infurmazzjoni Ġeografika tinġabar u tinżamm fil-bażi tad-data GISCO, għall-użu mill-Eurostat u mid-Direttorati Ġenerali kollha tal-Kummissjoni. In-nuqqas ta' standards u ta' qafas armonizzat għall-ġbir ta' l-infurmazzjoni jirrikjedu ammont sinifikanti ta' riżorsi sabiex ikun hemm manutenzjoni u aġġornar adatti. Mill-banda l-oħra, is-sensibbiltà dejjem akbar tal-potenzjal tat-taħlita ta' infurmazzjoni ġeografika ma' dik statistika u tematika tkabbar id-domanda għall-ippjanar, l-analiżi u l-applikazzjonijiet.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Il-ħidma li trid titwettaq taħt il-programm statistiku 2008-2012 ser tkun determinata mill-forma tal-politika reġjonali Komunitarja l-ġdida fl-ambitu tal-perijodu ta' pprogrammar ġdid għall-fondi strutturali. Ser titkompla l-ħidma ta' konsolidazzjoni fuq id-data eżistenti, partikolarment fl-oqsma tal-verifika urbana, it-trasport, l-ambjent u r-riċerka u l-iżvilupp. L-implimentazzjoni ta' qafas leġislativ għad-data dwar il-Popolazzjoni Reġjonali u r-reviżjoni antcipata tar-Regolament ESA 95 li jiġbor fih id-data tal-Kontijiet Reġjonali ser ikunu ta' importanza sinifikanti għax-xogħol ta' l-indikaturi strutturali. Il-konsistenza metodoloġika ta' l-istatistika reġjonali għandha tittiejebl bl-inklużjoni ta' metodoloġija aktar rigoruża fil-qafas leġislativ rilevanti meta dan ikun rivedut u l-applikazzjoni ta' l-istandards tal-kwalità li diġà nbdiet fid-data dwar il-kontijiet reġjonali għandha tkun estiża għal statistika reġjonali oħra biex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-prontezza. L-implimentazzjoni ta' klassifikazzjoni taħt in-NACE Rev. 2 ta' attivitajiet ekonomiċi ser tirrikjedi kalkolu mill-ġdid tat-time series għal perijodu ta' qabel l-introduzzjoni tar-Reviżjoni.
- Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' l-Infurmazzjoni Ġeografika fl-UE kollha ser ikunu rivoluzzjonati bl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar infrastruttura għall-infurmazzjoni ġeografika fl-Ewropa (INSPIRE), li l-għan tagħha huwa li tkun żviluppata infrastruttura Ewropea għad-data ġeografika b'appoġġ għall-politika ambjentali u għal politiki oħra. Dan ser ikollu impatt sinifikanti fuq l-organizzazzjoni u l-użu ta' din l-infurmazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni. Matul dan il-perijodu tal-programm, it-tim tal-GI ta' l-Eurostat mhux ser ikollu biss jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-implimentazzjoni teknika u jipprovi l-infrastruttura organizzattiva (inklużi l-istabbiliment u t-tmexxija tal-Kumitat INSPIRE) imma anki jappoġġa l-implimentazzjoni ta' INSPIRE fl-UE kollha. Il-promozzjoni ta' tekniki ta' analiżi spazjali li jgħaqqdu data statiska ma' dik ġeografika se tkompli għall-utenti tal-Kummissjoni; iż-żieda fid-disponibbiltà tad-data spazjali li rriżultat wara li bdiet titħaddem l-infrastruttura għandha ttejjeb bil-kbir il-potenzjal għad-definizzjoni ta' indikaturi preċiżi.

TITOLU XVIII

L-IŻVILUPP TAR-RIĊERKA U TAT-TEKNOLOĠIJA

Il-qafas legali

Statistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI):

Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ⁽¹⁾; ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2004, tat-22 ta' April 2004, li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ⁽²⁾; Regolament(KE) Nru 1450/2004.

Riċerka, metodoloġija u nomenklaturi statistiċi:

Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar is-7 Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ⁽³⁾.

Ġestjoni tal-mikrodata u kunfidenzjalità: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1104/2006.

Is-sitwazzjoni attwali

Statistika dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni: il-politika ta' l-UE dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni hija l-qofol ta' l-istrateġija ta' Liżbona, kif enfasizzat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u tas-16 ta' Marzu 2002 u r-reviżjoni intermedja fl-2005. Il-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistika fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D), ir-Riżorsi Umani fis-settur tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Brevetti u l-Industrija tat-Teknoloġija Għolja u s-Servizzi bbażati fuq l-Għarfien tjebru sewwa matul dawn l-aħħar snin. Din il-produzzjoni hija bbażata fuq kollezzjonijiet proprji ta' data, l-użu ta' sorsi amministrattivi u l-użu ta' sorsi oħra ta' data oħra uffiċjali jew mhux uffiċjali. Il-qafas leġislativ ġie stabbilit.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 16.9.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 118, 23.4.2004, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 973/2007.

⁽³⁾ ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

Riċerka, metodoloġija u nomenklatura statistiċi: minħabba l-bidla fl-ambjent ta' ħidma, l-aktar minħabba t-tkabbir, il-globalizzazzjoni u t-teknoloġija ta' l-informazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż sabiex tinġabar l-istatistika, jeħtieġ li jittejjbu l-komponenti kollha tal-kwalità tad-data kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 322/97, biex ikunu sodisfatti domandi ġodda minn dawkl li jfasslu l-politika ta' l-UE u oħrajn u għall-adattament ta' l-istatistika għall-bidla tas-soċjetà.

Ġestjoni tal-mikrodata u kunfidenzjalità: L-aċċess faċli għar-riċerkaturi għal mikro-data miġbura fil-livell Ewropew bħala parti mill-produzzjoni statistika skond l-Artikolu 285 tat-Trattat, huwa importanti. Tali aċċess għandu jkun konformi mal-leġislazzjoni xierqa dwar il-kunfidenzjalità, per eżempju, ir-Regolamenti (KE) Nru 322/97 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għal kunfidenzjalità statistika lil-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾. Iridu jinstabu soluzzjonijiet sikuri ġodda.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- L-istatistika dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni: Fis-snin li ġejjin, il-ħidma dwar l-istatistika dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni ser tikkonċentra fuq il-ksib ta' kwalità aħjar ta' data, it-titjib tal-metodi, in-nomenklatura, il-kunċetti u d-definizzjonijiet statistiċi (per eżempju, il-kejl aħjar tal-flussi tal-konossenza; l-użu tal-Patstat, is-sors ta' data mhux ipproċessata armonizzata internazzjonalment), biex b'hekk jinfetħu l-bibien għal sorsi addizzjonali ta' data u għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-istatistika dwar l-iżvilupp tal-karrieri ta' dawkl li għandhom dottorati, kif ukoll l-aġġornar tal-leġislazzjoni eżistenti dwar id-diversi oqsma statistiċi koperti kif ukoll jiġi pprovdut kontribut aħjar għall-kontinwazzjoni.
- Riċerka, metodoloġija u nomenklatura statistiċi: Fis-7 Programm ta' Qafas, għandha tingħata prijorità lit-titjib ta' oqsma tematiċi, iżda wkoll lir-riċerka mmirata għat-titjib fil-kwalità tad-data permezz ta' metodoloġiji innovattivi inklużi l-immudellar, l-istimar u l-imputazzjoni. Il-komunità tar-riċerka funzjonali fl-istatistika uffiċjali għandha terġa' tiġi attivata billi jiġu inkurraġġiti n-netwerks. It-tixrid u l-użu tar-riżultati mir-riċerka dwar statistika uffiċjali fis-6 u s-7 Programm ta' qafas u l-applikazzjoni tar-riżultati fuq livell operattiv għandhom ikunu promossi u faċilitati. Jeħtieġ li ssir ukoll aktar ħidma biex jittejjbu n-nomenklatura użati (per eżempju, sħarriġ Ewropej ta' gruppi ta' intrapriżi li jwettqu riċerka u żvilupp), u biex tintuża u titkabbar l-infrastruttura Ewropea tar-reġistri ta' gruppi ta' intrapriżi.
- Ġestjoni tal-mikrodata u kunfidenzjalità: Għandhom jiġu promossi approċċ integrat għal u metodoloġija għall-iżvilupp ta' l-infrastrutturi Ewropej biex jiġi faċilitat l-aċċess għar-riċerkaturi għal data anonimizzata fil-qafas tal-leġislazzjoni attwali.

TITOLU XIX

L-AMBIJENT

Il-qafas legali

L-istatistika ambjentali ta' l-UE hija mbuttata minn talbiet għal statistika, kontinwazzjoni u indikaturi ta' kwalità għolja, komprensivi, affidabbli u rilevanti biex tkompli tkun żviluppata, implimentata u monitorjata l-politika ambjentali Komunitarja, b'mod partikolari s-sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent (is-6 PAA) u "XI-Istrateġija Tematiċi" tiegħu, l-oġġettivi ambjentali ta' l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE (SŻS) u l-Istrateġija ta' Liżbona, u l-proċess ta' Cardiff dwar l-integrazzjoni ta' l-interessi ambjentali fl-oqsma politiċi kollha. Preżentement l-istatistika dwar l-iskart ⁽²⁾ u n-nefqa ambjentali biss hija miġbura taħt kopertura legali ⁽³⁾.

Is-sitwazzjoni attwali

Preżentement, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni (DG ENV) u l-Eurostat jżommu data ambjentali. Dan il-"Grupp ta' Erbgħa" (Go4) laħaq ftehim dwar arranġament tekniku għad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u l-ħidma li wassal għall-istabbiliment ta' Ċentri ta' Data Ambjentali (EDCs) ⁽⁴⁾. Ser tkun żgurata żieda fl-interoperabbiltà ta' l-infrastruttura ta' l-IT ta' l-imsieħba fil-Go4. Is-sħubija mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (NU, OECD) dwar metodi (pereżempju, manwali) u dwar għbir ta' data (Kwestjonarju Konġunt Eurostat/OECD) tikkumplementa l-qafas għall-istatistika u l-kontinwazzjoni dwar l-ambjent.

Il-prijorità prinċipali hija li tkun sodisfatta d-domanda għal data ta' "l-Istrateġija Tematiċi", pereżempju, dwar "il-Prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart", l-"Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali" u l-"Użu sostenibbli tal-pestiċidi"; għandha titkompla l-produzzjoni ta' l-istatistika ambjentali bażika, kif ukoll il-forniment ta' statistika u indikaturi dwar l-ilma, l-arja, il-bijodiversità, il-ħamrija, il-foresti u l-użu ta' l-art lil EDCs oħra.

⁽¹⁾ ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika fuq l-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006).

⁽³⁾ Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97.

⁽⁴⁾ L-Arranġament Tekniku ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-holġien taċ-Ċentri tad-Data Ambjentali, miftiehem bejn l-erba' entitajiet Komunitarji involuti fl-irrapportar dwar l-ambjent u t-tixrid tad-data.

L-analizzar aħjar u l-kwantifikazzjoni tar-rabta bejn il-pilastru ekonomiċi u ambjentali ta' l-SDS joħlqu l-ħtieġa ta' aktar żvilupp tal-kontinwazzjoni ambjentali-ekonomiċi. Xi sottoqsma ta' l-informazzjoni ambjentali jindikaw nuqqasijiet konsiderevoli u mhux dejjem huma aġġornati. Is-sehem li għandhom l-istatistika u l-kontinwazzjoni dwar l-ambjent taħt il-kopertura legali ta' l-UE huwa żgħir. Għandhom ikunu kkunsidrati bażijiet legali għal oqsma prinċipali oħra.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

Sabiex jittiebu s-sinerġiji, l-ippjanar u l-implimentazzjoni relatati ma' l-istatistika ambjentali, il-ħidma bejn l-2008 u l-2012 se tkun ikkoordinata mil-“Laqgħa tad-Diretturi dwar l-Istatistika u l-Kontinwazzjoni Ambjentali” (DIMESA), li tkopri ż-żewġ networks tal-Go4 u l-Istati Membri.

- L-ċentri tad-data għall-Iskart, ir-Riżorsi u l-Prodotti Naturali u r-regolamenti dwar l-Istatistika dwar l-Iskart u dwar il-Pestiċidi (ippjanati) ser jipprovdu data ta' kwalità għolja biex b'hekk jiġu sodisfatti r-rikjetti għal data ta' l-Istrateġiji Tematiċi.
- L-indikaturi ambjentali eżistenti ser ikunu simplifikati, ser jiġu żviluppati indikaturi ġodda u ser ikun ipprovdut appoġġ tekniku għall-kalkolu ta' l-indikaturi fil-livell ta' l-UE, u għar-reviżjoni ta' l-obbligi ta' rappurtar biex il-ġbir ta' data ambjentali jkun iffokat aħjar u aktar effettiv f'sens ta' nfiq.
- Għandha ssir promozzjoni ulterjuri ta' l-iżvilupp u r-riċerka metodoloġiċi dwar kontinwazzjoni ambjentali-ekonomiċi u ser jiġu implimentati l-moduli tal-kontinwazzjoni ambjentali prinċipali.
- Il-metodi ta' stima u ta' tbaqqir għall-mument biex jitnaqqas il-vojt fid-data u tiżdzied il-prontezza ta' l-istatistika u l-kontinwazzjoni ambjentali ser ikunu mtejbja aktar.
- Ser ikunu żviluppati bażijiet legali fejn ikun il-każ għall-oqsma ċentrali tal-ġbir ta' data ambjentali li preżentement mhumiex koperti mill-atti legali.

TITOLU XX

KOPERAZZJONI Għall-iżvilupp

Statistika tajba hija essenzjali għall-ivvalutar tas-suċċess tal-politika dwar l-iżvilupp. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom bżonnha għal tfassil ta' politika bbażat fuq il-provi. Barra dan, fil-kuntest tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u dak tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istatistika hija eżempju ta' governanza tajba u tista' tgħin fil-promozzjoni ta' governanza tajba u trasparenza dment li jiġu osservati standards ta' kwalità adatti fil-produzzjoni ta' l-istatistika, u jkunu żgurati l-aċċessibbiltà għall-istatistika uffiċjali u t-tixrid tagħha.

Il-qafas legali

Artikolu 180 tat-Trattat.

Is-sitwazzjoni attwali

Hemm ħafna xi jsir fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiżdzied il-kapaċità statistika. L-oġettiv ġenerali huwa li tkun appoġġjata l-politika ta' l-UE fir-rigward tar-relazzjonijiet esterni billi tiġi pprovduta assistenza statistika teknika adatta u ffukata sabiex tissaħħa il-kapaċità statistika f'pajjiżi li qed jibbenefikaw mill-għajnuna ta' l-UE. Dan l-appoġġ għandu jkun dewwiem. F'dan ir-rigward, għandhom isiru sforzi biex ikun żgurat li l-istatistika tiffurma parti integrali mill-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp.

L-aktar element politiku sinifikanti huwa l-fokus akbar u espliċitu fuq it-tnaqqis tal-faqar fil-politika tal-KE għall-iżvilupp, b'mod partikolari fejn jidhru l-pajjiżi ta' l-ACP, u speċjalment fl-Afrika. Bħala riżultat ta' dan, il-koperazzjoni fl-istatistika qed tiffoka dejjem aktar fuq it-tisħiħ tal-kejl u l-monitoraġġ tal-faqar, b'enfasi partikolari fuq l-indikaturi ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs).

Pariri u appoġġ tekniċi huma pprovduti fil-qasam tal-kejl ta' l-impatt tal-programmi ta' l-UE għall-iżvilupp u fir-rigward ta' l-element statistiku tal-programmi għall-iżvilupp reġjonali ta' l-UE.

L-integrazzjoni reġjonali hija enfasi kontinwa tal-programm u tirrifletti l-movimenti akbar fost il-pajjiżi nfushom biex isaħħu l-istrutturi reġjonali tagħhom. Oqsma li jinħtieġu l-appoġġ jinkludu s-sorveljanza multilaterali, it-titjib fil-kontinwazzjoni nazzjonali, l-istatistika dwar il-prezzijiet, l-istatistika agrikola, l-istatistika dwar ir-riżorsi naturali u l-pressjonijiet fuq l-ambjent, il-kummerċ barrani, l-istatistika dwar in-negozju u t-taħriġ fl-istatistika.

L-SSE tkompli u ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-koordinazzjoni fost il-komunità tad-donaturi (jiġifieri, donaturi bilaterali u multilaterali). Għalhekk, l-Eurostat u l-Istati Membri jappoġġaw il-ħidma, b'mod partikolari fil-kuntesti ta' l-OECD/DAC, in-NU u l-Bank Dinji, biex ikun valutat l-impatt tal-koperazzjoni għall-iżvilupp biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Fil-fatt, hi għandha sehem attiv fl-inizjattiva PARIS 21. B'mod partikolari, l-attivitajiet ta' koperazzjoni teknika jenfasiszaw l-importanza ta' l-iffukar fuq l-utent, u jippromwovu l-valur ta' pprogrammar multi-annwali.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Għandha tiżdied il-viżibiltà ta' l-istatistika fil-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp;
- Għandhom jiġu pprovduti konsulenza teknika u appoġġ xjentifiku, fejn ikun possibbli, għat-tweqqif ta' programmi statistiċi għall-iżvilupp, b'mod partikolari fil-livell reġjonali; biex ikunu appoġġjati proġetti b'implikazzjonijiet statistiċi u l-armonizzazzjoni ta' l-istatistika f'pajjiżi li jibbenefikaw mill-għajnuna ta' l-UE; u bħala kontribut għall-valutazzjoni tal-prijoritajiet statistiċi għall-ippjanar u l-ipprogrammar ta' attivitajiet ta' koperazzjoni ta' l-UE fir-rigward ta' l-istatistika;
- Filwaqt li titqies id-dimensjoni tas-sessi, għandha titqiegħed enfasi partikolari fil-kejl u l-monitoraġġ tal-faqar, tal-progress dwar l-koeżjoni soċjali, tas-sostenibbiltà ambjentali u ta' l-Indikaturi ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

TITOLU XXI

KOPERAZZJONI EKONOMIKA, FINANZJARJA U TEKNIKA MA' PAJJIŻI TERZI

Il-qafas legali

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1279/96, tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-għoti ta' assistenza għar-riforma ekonomika u l-irkupru fl-Istati Indipendenti Ġodda u fil-Mongolja ⁽¹⁾; il-Komunikazzjoni tad-9 ta' Diċembru 2004 mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-proposti mill-Kummissjoni għal pjanijiet ta' azzjoni fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP).

Is-sitwazzjoni attwali

Il-mira tal-koperazzjoni statistika mal-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) hija li jingħata appoġġ lill-iżvilupp tas-sistemi statistiċi ta' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jkun ipprovdut sett bażiku ta' data armonizzata li tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-UE fl-oqsma li fihom il-politika ta' l-UE tkun titlobhom. L-assistenza statistika għal dawn il-pajjiżi hija implimentata permezz ta' l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u ta' Sħubija.

Inizjattivi ewlenin 2008-2012:

- Jiġu żviluppati l-oqsma prinċipali ta' l-istatistika ekonomika, tal-kontijiet nazzjonali u ta' l-istatistika dwar il-prezzijiet, tal-kummerċ estern, ta' l-istatistika fuq il-migrazzjoni u ta' l-istatistika soċjali. Barra dan, għandhom progressivament jemerġu setturi oħra bħall-istatistika dwar l-enerġija u dik ambjentali – u, f'sens aktar wiesa', l-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli – bħala elementi produttivi ewlenin fit-tfassil tal-politika.
- Il-koperazzjoni se timmira wkoll għall-bini u t-titjib tal-kapaċitajiet istituzzjonali ta' l-uffiċċji statistiċi nazzjonali u tal-koperazzjoni interistituzzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L 165, 4.7.1996, p. 1.